

Brussell, 5 ta' Mejju 2026  
(OR. en)

8265/26

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0222 (COD)

---

---

EDUC 115  
JEUN 54  
SPORT 21  
SOC 198  
COMPET 439  
DIGIT 104  
ENV 364  
IA 84  
CODEC 691  
CADREFIN 193  
FIN 607

#### NOTA

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kunsill

---

Suġġett: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm Erasmus+ għall-perjodu 2028-2034, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2021/817 u (UE) 2021/888  
- *Approċċ ġenerali parzjali*

---

#### I. INTRODUZZJONI

1. Fis-16 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni adottat proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm Erasmus+ għall-perjodu 2028-2034, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2021/817 u (UE) 2021/888. Ir-Regolament propost għandu l-għan li jistabbilixxi s-suċċessur tal-programm Erasmus+ 2021-2027, filwaqt li jgħaqqad żewġ programmi tal-Unjoni: l-Erasmus+ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà (KES).

2. L-objettiv ġenerali tal-programm il-ġdid, kif identifikat mill-Kummissjoni, huwa li jikkontribwixxi għal Ewropa reżiljenti, kompetittiva u koeżiva billi jipromwovi apprendiment tul il-ħajja ta' kwalità għolja, itejjeb il-ħiliet u l-kompetenzi għall-ħajja u għall-impjiegi għal kulħadd, filwaqt li jrawwem il-valuri tal-Unjoni, il-parteċipazzjoni demokratika u soċjetali, is-solidarjetà, l-inklużjoni soċjali u l-opportunitajiet indaqs, fl-Unjoni u lil hinn minnha. Il-programm il-ġdid għandu jkun strument ewlieni biex tkompli tinbena l-Unjoni tal-ħiliet, tiġi żviluppata ż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni strateġika Ewropea fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż l-aġendi settorjali sottostanti tagħha.

## **II. ĦIDMA FL-ISTITUZZJONIJIET L-OĦRA**

3. Il-Parlament Ewropew ħatar lil Bogdan Andrzej ZDROJEWSKI (PPE, PL) bħala rapporteur għall-fajl. Il-proposta għadha qed tistenna deċiżjoni tal-kumitat.
4. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni<sup>1</sup> tiegħu fit-22 ta' Jannar 2026. L-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni għadha pendenti f'dan l-istadju.

## **III. ĦIDMA FIL-KUNSILL U FIL-KORPI PREPARATORJI TIEGĦU**

5. Saret ħidma intensa fuq il-proposta matul żewġ presidenzi. Taħt il-Presidenza Daniża, il-Kumitat tal-Edukazzjoni ddiskuta l-proposta f'sitt okkażjonijiet (17 ta' Lulju, 8 ta' Settembru, 17-18 ta' Settembru, 8-9 ta' Ottubru, 20 ta' Ottubru u 29 ta' Ottubru 2025). Ġew prodotti żewġ testi ta' kompromess u ġie ppreżentat rapport ta' progress lill-Kunsill fis-27 ta' Novembru 2025.
6. Il-Presidenza Ċiprijotta mexxiet 'il quddiem il-ħidma tal-Presidenza Daniża. Id-diskussjonijiet dwar il-fajl komplew fil-Kumitat tal-Edukazzjoni fit-12 u t-23 ta' Jannar, fil-5 u s-6 u fid-19 u l-20 ta' Frar, fit-2, fit-12 u t-13 u fit-23 u l-24 ta' Marzu, fl-1 u l-15 ta' April, abbażi ta' sitt testi ta' kompromess oħra. Biex jiġu ffaċilitati n-negozjati dwar elementi kritiċi tal-abbozz ta' Regolament, il-Presidenza ppreżentat erba' dokumenti ta' analiżi (wieħed dwar il-legat tal-KES, tnejn dwar il-governanza u r-raba' wieħed dwar il-boroż ta' studju).

---

<sup>1</sup> SOC/842.

7. Fid-29 ta' April 2026, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti eżamina t-test ta' kompromess kif jinsab fid-dokument 8264/26. Wara talba minn ħames delegazzjonijiet, il-Presidenza ddeċidiet li żżid definizzjoni tal-Alleanzi tal-Universitajiet Ewropej fl-Artikolu 2 (definizzjoni 20 fin-nota mehmuża). Id-delegazzjonijiet kollha setgħu jappoġġaw it-test hekk emendat, bl-eċċezzjoni ta' delegazzjoni waħda li żżomm riżerva ta' skrutinju ġenerali.

#### **IV. ELEMENTI EWLENIN TAL-KOMPROMESS TAL-PRESIDENZA**

8. Il-Presidenza tqis li t-test ta' kompromess li jinsab fl-Anness<sup>2</sup> isib bilanċ tajjeb bejn il-pożizzjonijiet espressi mill-Istati Membri dwar il-programm Erasmus+ futur, b'rispons għat-tħassib tagħhom u b'kont meħud bir-reqqa tal-fehmiet tagħhom.
9. Peress li r-Regolament propost huwa parti mill-pakkett ta' proposti marbuta mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP), id-dispożizzjonijiet kollha fit-test b'implikazzjonijiet baġitarji jew li jikkorrispondu għall-elementi li jiffurmaw parti min-negozjati orizzontali dwar il-QFP tqiegħdu bejn parentesi u għalhekk huma esklużi mill-approċċ ġenerali parzjali sakemm isir aktar progress fil-QFP. Dawn id-dispożizzjonijiet, li jidhru bejn parentesi kwadri fit-test, jikkonċernaw il-premessi 36 u 44, it-tul tal-programm kif imsemmi fl-Artikolu 1 (*Suġġett*), l-Artikolu 9 (*Baġit*) u l-Artikolu 16.3 (*Informazzjoni, komunikazzjoni u tixrid*). L-opportunità ta' allokkazzjonijiet indikattivi skont is-settur tal-Programm ġiet diskussa fil-Grupp ta' Ħidma Ad Hoc dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (AHWP MFF) fl-24 ta' Marzu 2026.

---

<sup>2</sup> Fit-test ta' kompromess li jinsab fl-Anness, l-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni (id-dok. 11748/25 - COM(2025) 549 final) huma sottolinjati u t-test imħassar huwa mmarkat b'ħala [...]. L-emendi għas-sottodivizjonijiet tal-att u t-titoli tagħhom kif indikat fil-proposta tal-Kummissjoni huma mmarkati b'sottolinjar doppju.

10. Il-**kwistjonijiet ewlenin** koperti mill-kompromess tal-Presidenza huma dawn li ġejjin:

a) **Governanza**

Wara li reġa' ddaħħal il-kumitat tal-programm (l-Artikolu 22a), il-proċess tat-tisħiħ tar-rwol tal-Istati Membri fil-governanza tal-Programm futur kompli b'mod kostanti, bi tweġiba għat-talba tal-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet biex jinbidel l-istatus quo u jiġi ottimizzat il-proċess li permezz tiegħu azzjonijiet ġodda jirċievu finanzjament. Diskussjonijiet intensi wasslu għall-iżvilupp ta' mudell ta' governanza sħiħ, li l-enfasi tiegħu hija fuq il-programmi ta' ħidma u l-iskrutinju msaħħaħ tal-Istati Membri (l-Artikolu 15 – *Programm ta' ħidma*).

Skont dan il-mudell, huma previsti żewġ tipi distinti ta' programmi ta' ħidma:

- i) "programm ta' ħidma tal-azzjoni l-ġdida" għall-inklużjoni inizjali ta' azzjonijiet ġodda taħt ġestjoni diretta; l-azzjonijiet kollha bħal dawn għandhom jiġu proposti mill-Kummissjoni abbażi ta' kriterji definiti minn qabel (il-paragrafu 2, il-punti (a), (b), (c) u (d));
- ii) il-"programm ta' ħidma regolari", li permezz tiegħu l-azzjonijiet jistgħu jkomplu jirċievu finanzjament wara l-implimentazzjoni inizjali tagħhom soġġett għal valutazzjoni mill-Kummissjoni, li tanalizza fost l-oħrajn il-punt sa fejn tali azzjonijiet jissodisfaw l-oġettivi tal-Programm u l-kriterji speċifikati taħt il-paragrafu 2.

Il-kunċett ta' azzjoni ġdida huwa definit fl-Artikolu 2 (id-definizzjoni 15a). Hija prevista wkoll klawżola ta' "ebda opinjoni", f'konformità mal-Artikolu 5(4), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Il-premessi 46a, 46b u 46c jikkompletaw is-sett ta' dispożizzjonijiet ta' governanza, li l-għan tagħhom huwa li jiżguraw skrutinju, prevedibbiltà u trasparenza msaħħa tal-Istati Membri, filwaqt li jippreservaw il-flessibbiltà.

b) **Il-legat tal-KES**

Id-delegazzjonijiet esprimew pożizzjonijiet b'saħħithom dwar il-ħtieġa li jiġi żgurat il-legat tal-inizjattivi tal-KES fl-Erasmus + ta' wara l-2027. Dokument ta' analiżi tal-Presidenza ffaċilita d-diskussjonijiet billi pprova kjarifiki dwar kif l-elementi tal-programm tal-KES huma integrati fl-abbozz ta' Regolament attwali. L-emendi rilevanti ġew inklużi fil-paragrafu 1, il-punti (b) u (c), tal-Artikolu 4a (*Żgħażaġħ*) biex jinkludu dispożizzjonijiet għal azzjonijiet attwalment implimentati taħt il-programm tal-KES. Il-punt (c) tal-istess Artikolu jirreferi għall-attivitajiet ta' volontarjat tal-"Korp Ewropew ta' Solidarjeta'", inkluż il-volontarjat taħt il-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja, u b'hekk jankra b'mod sod il-legat ta' wieħed mill-programmi predeċessuri fl-Erasmus+ futur. Id-definizzjoni 17 fl-Artikolu 2 u l-premessi 20 u 48 jaħdmu bl-istess mod.

c) **Viżibbiltà tas-setturi kollha koperti mill-Programm**

Filwaqt li tibni fuq il-ħidma li saret matul is-semestru preċedenti, il-Presidenza kompliet tindirizza t-talba tad-delegazzjonijiet biex tissaħħaħ il-prominenza tas-setturi taż-żgħażaġħ u tal-isport. Wara l-inserzjoni tal-Artikoli 4a (*Żgħażaġħ*) u 4b (*Sport*) il-ġodda, l-Artikolu 6 (*Kooperazzjoni fost l-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet*) inqasam f'paragrafi ddedikati għall-edukazzjoni u t-taħriġ, iż-żgħażaġħ u l-isport. Il-punt (a) tal-Artikolu 7 (*Appoġġ għall-iżvilupp tal-politika*) segwa l-istess riorganizzazzjoni ffukata fuq is-settur.

d) **Pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm**

Is-suġġett orizzontali kopert mill-Artikolu 13 (*Pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm*) u l-premessa 46 relatata kienu s-suġġett ta' diskussjonijiet intensi. Bi tweġiba għat-tħassib tal-Istati Membri fir-rigward tal-kunċett il-ġdid ta' assoċjazzjoni parzjali mal-Programm, ġew introdotti kriterji speċifiċi għal kategoriji distinti ta' pajjiżi terzi (il-paragrafu 4, il-punti (a), (b), (c) u (d) tal-Artikolu 13). B'mod partikolari, il-pajjiżi terzi soġġetti għal assoċjazzjoni parzjali mal-Programm għandhom jirrispettaw il-valuri tal-Unjoni u ntaġlab mudell uniku ta' assoċjazzjoni parzjali mal-Programm għall-pajjiżi terzi kollha li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu 1, il-punt (a) tal-istess Artikolu.

e) **Opportunitajiet ta' żvilupp tat-talenti u tal-eċċellenza**

L-inizjattiva l-ġdida proposta mill-Kummissjoni taħt l-isem ta' "boroż ta' studju Erasmus+ foqasma edukattivi strateġiċi" (l-Artikolu 5, il-punt (a)) ġiet diskussa bir-reqqa taħt id-diversi aspetti tagħha (l-impatt baġitarju fuq il-Programm, is-sorsi ta' finanzjament addizzjonali possibbli, il-valur miżjud Ewropew, l-oġettiv u l-kamp ta' applikazzjoni, il-livelli kkonċernati tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki, il-benefiċjarji, il-bilanċ ġeografiku, eċċ.). Sejħa kollettiva għal skrutinju msaħħa mill-Istati Membri u għall-involviment tagħhom fit-tfassil tal-azzjoni kienet element sinifikanti tan-negozjati. Il-qasam ta' kompromess identifikat mill-Prezidenza jinkludi denominazzjoni ġdida għall-azzjoni (*opportunitajiet ta' żvilupp tat-talenti u tal-eċċellenza*), kamp ta' applikazzjoni aġġustat għall-Artikolu 5, il-punt (a), u dispożizzjonijiet ta' governanza ddedikati (l-Artikolu 15, il-paragrafi 3 u 6, kif ukoll il-premessi 27, 46b u 46d), li jirriflettu n-natura speċifika tal-azzjoni u l-implikazzjonijiet potenzjalment sinifikanti tagħha.

Barra minn hekk:

- ingħatat prominenza akbar liż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni (il-premessi 10 u 24 li jikkomplementaw il-viżibbiltà msaħħa fost l-oġettivi tal-Programm skont l-Artikolu 3); l-Unjoni tal-Ħiliet hija l-fokus ta' premessa parallela, 24a;
- ġew introdotti referenzi aktar b'saħħithom fir-rigward tal-valuri tal-Unjoni fit-test kollu (il-premessi 5, 15, 16, 18, 38a, 46 u l-Artikolu 13, il-paragrafu 4);
- ġiet proposta arkitettura riveduta tal-abbozz ta' Regolament, minħabba l-ħtieġa li tiġi pprovduta struttura aħjar madwar iż-żewġ pilastri ("Opportunitajiet ta' apprendiment għal kulħadd" u "Appoġġ għat-tiħiħ tal-kapaċitajiet") u biex ikun hemm aktar ċarezza dwar id-distribuzzjoni tal-azzjonijiet fit-test kollu.

V. **KONKLUŻJONI**

Il-Kunsill (EYCS) huwa mistieden jilħaq approċċ ġenerali parzjali dwar it-test kif jinsab fl-Anness għal din in-nota.

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi l-programm Erasmus+ għall-perjodu 2028–2034, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2021/817 u (UE) 2021/888**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 165(4), 166(4) u 214(5) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>1</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat tar-Reġjuni<sup>2</sup>,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

---

<sup>1</sup> ĠU C , , p.

<sup>2</sup> ĠU C , , p.

Billi:

- (1) L-Unjoni jeħtieġ tappoġġa u tnejni lin-nies tagħha, minn età bikrija, bl-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa biex jirnexxu fl-apprendiment, fix-xogħol u fil-ħajja. Sabiex dan ikun jista' jsir, l-Unjoni teħtieġ sistemi ta' edukazzjoni u ta' taħriġ bi prestazzjoni ta' kwalità għolja, aġli, innovattivi u inklużivi, li jkunu kapaċi jrawmu, jattiraw u jżommu t-talent, biex ilaħħqu mal-pass u l-ambitu tat-trasformazzjonijiet soċjetali, diġitali, ambjentali u ekonomiċi li għaddejjin bħalissa, jirrispondu għall-isfidi demografiċi u għall-ħtiġijiet tal-ħiliet tas-soċjetà u tal-ekonomija, inaqqsu d-diskrepanzi fil-ħiliet, inkluż [...] fis-setturi kritiċi.
- (2) L-Unjoni hija komunità ta' valuri msejsa fuq l-istorja u l-identità tal-Ewropa u ankrata fit-Trattat dwar [...] l-Unjoni Ewropea (TUE). Li wieħed jifhem dawk il-valuri, inkluż id-drittijiet fundamentali u d-demokrazija, hija ħila essenzjali għall-ħajja u kruċjali għall-parteċipazzjoni fid-dibattitu politiku u fit-teħid tad-deċiżjonijiet. L-attivitajiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ, taż-żgħażaġh u tal-isport jgħinu liċ-ċittadini jitħejjew bil-ħiliet u l-kompetenzi biex jirnexxu, jipparteċipaw b'mod attiv u sinifikanti fil-ħajja demokratika u fis-soċjetà b'mod kumplessiv, u jgħinu lin-nies jingħaqdu flimkien madwar il-valuri komuni tagħhom u jiddefenduhom.
- (3) L-Unjoni hija mibnija fuq is-solidarjetà, kemm fost iċ-ċittadini tagħha kif ukoll fost l-Istati Membri. Dak il-valur universali jiggwida l-azzjonijiet tal-Unjoni u jipprovdi l-unità meħtieġa biex inkampaw mal-isfidi tas-soċjetà, li l-individwi huma lesti li jindirizzaw fil-prattika, b'mod partikolari permezz tal-volontarjat.

- (4) Huwa essenzjali li n-nies kollha, irrispettivament mill-isfond personali, soċjali, ekonomiku, ġeografiku jew kulturali tagħhom, ikollhom l-opportunità li jipparteċipaw f'esperjenza ta' mobbiltà barra minn pajjiżhom minn età bikrija, meta jiġu ffurmati l-valuri u l-attitudnijiet u meta l-individwi jkunu l-aktar lesti li jilqgħu esperjenzi ġodda [...]. L-esponiment bikri għal ambjenti, kulturi, lingwi u modi ta' ħajja differenti jista' jgħin biex jinqerdu l-isterjotipi, jiġi promoss il-fehim interkulturali, u jitrawmu valuri ta' rispett, tolleranza u solidarjetà, b'hekk jikkontribwixxi għal Ewropa aktar magħquda u [...] koeżiva.
- (5) Il-bini ta' soċjetajiet inklużivi, koeżivi u reżiljenti, u s-sostenn tal-kompetittività tal-Unjoni jeħtieġu investiment f'opportunitajiet ta' apprendiment għal kulħadd, irrispettivament mill-isfond u l-mezzi, f'kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet attivi fil-qasam, u fl-iżvilupp innovattiv infurmat mill-evidenza tal-politika fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ, taż-żgħażaġh u tal-isport. Investiment bħal dan jikkontribwixxi wkoll għat-tisħiħ tal-identità Ewropea, il-valuri tal-Unjoni, inkluż id-drittijiet fundamentali, [...] u Unjoni aktar demokratika.
- (6) F'konformità mal-Istrateġija tal-UE għal Unjoni tal-Preparatezza<sup>3</sup>, jenħtieġ li l-preparatezza, ir-reżiljenza, il-parteċipazzjoni fil-ħajja demokratika u l-involviment ċiviku jitrawmu permezz ta' approċċ axxendenti, filwaqt li l-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet jitħeġġu jaqdu rwol ewlieni fit-trawwim tal-litteriżmu diġitali u medjatiku u tal-ħsieb kritiku, fil-promozzjoni tal-involviment ċiviku, u fl-apprendiment dwar id-demokrazija u ċ-ċittadinanza. Jenħtieġ li n-nies u l-komunitajiet madwar [...] l-Unjoni [...] jimpennaw ruħhom b'mod attiv biex jipprevjenu l-kriżijiet u biex ikunu ppreparati biżżejjed biex jirrispondu għalihom.

---

<sup>3</sup> Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-Istrateġija Ewropea għal Unjoni tal-Preparatezza (Join/2025/130 final).

- (7) L-oqsma ta' azzjoni u l-objettivi komuni tal-programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u tal-programm Erasmus+ għall-2021–2027 jenfasizzaw il-potenzjal għal sinerġija u koerenza regolatorja msaħħa. Il-ġbir flimkien tal-opportunitajiet kollha tal-mobbiltà tal-apprendiment, tal-volontarjat, tal-kooperazzjoni u taċ-ċittadinanza attiva u ta' solidarjetà jipprovdi punt ta' dħul uniku għall-opportunitajiet kollha li l-Unjoni toffri liż-żgħażaġh u lill-organizzazzjonijiet attivi fil-qasam taż-żgħażaġh, u dan jippermetti approċċ aktar koordinat u effettiv, u aċċess aktar faċli għall-parteciċipanti u l-benefiċjarji potenzjali.
- (8) F'dan il-kuntest, jeħtieġ jiġi stabbilit Erasmus+ 2028-2034, il-Programm tal-Unjoni għall-educazzjoni u t-taħriġ, [...] iż-żgħażaġh u l-isport (il-"Programm"), bħala s-suċċessur tal-programm Erasmus+<sup>4</sup> u tal-programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà<sup>5</sup> 2021-2027, li jinkludi azzjonijiet fil-qasam tal-educazzjoni u t-taħriġ, taż-żgħażaġh u tal-isport u jistabbilixxi l-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja.
- (9) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qiegħed jinbidel malajr, l-esperjenza wriet il-ħtieġa ta' qafas finanzjarju pluriennali u programmi ta' nfiq tal-Unjoni aktar flessibbli. Għal dak l-għan, u f'konformità mal-objettivi tal-programm Erasmus+, jenħtieġ li l-finanzjament iqis kif xieraq il-ħtiġijiet ta' politika li qed jevolvu u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fid-dokumenti rilevanti tal-[...]Kummissjoni, tal-[...]Kunsill [...] u tal-Parlament Ewropew[...], filwaqt li jiżgura trasparenza u prevedibbiltà suffiċjenti għall-implimentazzjoni tal-baġit.

---

<sup>4</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 2021/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi 'Erasmus+': il-Programm tal-Unjoni għall-educazzjoni u taħriġ, żgħażaġh u sport (ĠU L 189, 28.5.2021).

<sup>5</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/888 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi l-programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà (ĠU L 202, 8.6.2021).

- (10) Jenħtieġ li l-Programm jappoġġa l-iżvilupp ulterjuri taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni<sup>6</sup>, l-implimentazzjoni tal-Unjoni tal-Ħiliet<sup>7</sup> u l-oqfsa strateġiċi kumplessivi għall-kooperazzjoni politika tal-Unjoni fl-oqfsa tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż l-aġendi politiċi għall-edukazzjoni skolastika, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-edukazzjoni għolja [...] u l-apprendiment għall-adulti, inkluż it-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet, sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jiżviluppaw kompetenzi u ħiliet fl-istadji kollha tal-ħajja tagħhom ħalli jirnexxu fis-soċjetà.
- (11) F'konformità mal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ<sup>8</sup>, l-Aġenda Ewropea għall-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ<sup>9</sup> u l-Komunikazzjoni tal-2024 dwar il-legat tas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022<sup>10</sup>, jenħtieġ li l-Programm jappoġġa l-parteċipazzjoni sinifikanti taż-żgħażaġh u tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh fit-teħid tad-deċiżjonijiet u fit-tfassil tal-politika, inkluż permezz tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ, l-integrazzjoni taż-żgħażaġh fl-oqfsa kollha ta' politika, il-validazzjoni tal-apprendiment mhux formali u informali, il-ħidma fost iż-żgħażaġh ta' kwalità għolja u l-iżvilupp tal-kompetenzi tal-persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh. Il-...Programm ser ikompli jappoġġa liż-żgħażaġh kollha biex jipparteċipaw fil-mobbiltà tal-apprendiment [...], inkluż l-iskambji taż-żgħażaġh, il-volontarjat, [...] il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh u l-attivitajiet ta' solidarjetà, bl-objettiv li jinvolvi liż-żgħażaġh u jagħtihom is-setgħa li jakkwistaw u jiżviluppaw il-ħiliet u l-kompetenzi għal ħajjithom u għall-futur professjonali tagħhom, biex isiru ċittadini attivi u jibdew jipparteċipaw fil-ħajja ekonomika, soċjali, kulturali, demokratika u politika, u jinvolvihom fil-proġett Ewropew u jikkontribwixxi għall-bini ta' Unjoni inklużiva, sostenibbli, kompetittiva u reżiljenti.

---

<sup>6</sup> Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021-2030) (ĠU C 66, 26.2.2021, p. 1).

<sup>7</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni L-Unjoni tal-Ħiliet (COM/2025/90 final).

<sup>8</sup> Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar qafas għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh: L-istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019–2027 (ĠU C 456, ST/14944/2018/INIT, 18.12.2018).

<sup>9</sup> Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar il-Qafas għall-istabbiliment ta' Aġenda Ewropea għall-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ 2020/C 415/01 (ĠU C 415, 1.12.2020).

<sup>10</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar is-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022 (COM/2024/1 final, <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:52024DC0001>)

- (12) Jenħtieġ li l-Programm jappoġġa l-parteċipazzjoni fl-isport u fl-attività fiżika għal kulħadd, f'konformità mal-Pjan ta' Ħidma rilevanti tal-Unjoni Ewropea għall-Isport [...] <sup>11</sup>. Għalhekk, jeħtieġ issir enfasi, b'mod partikolari, fuq l-isport għad-dilettanti, filwaqt li jitqies ir-rwol importanti li l-isport jaqdi fil-promozzjoni ta' stili ta' ħajja sani, relazzjonijiet interpersonali, il-parteċipazzjoni, l-inklużjoni soċjali u l-ugwaljanza kif ukoll fil-bini ta' komunitajiet koeżivi.
- (13) It-trasformazzjoni diġitali, inkluż l-iżvilupp rapidu tal-IA, qed tibdel [...] is-soċjetà u l-ekonomija b'impatt dejjem akbar fuq il-ħajja ta' kuljum u turi [...] l-ħtieġa għal livelli oġhla ta' prontezza diġitali u kapaċità tal-edukazzjoni u t-taħriġ kif ukoll il-ħtieġa urġenti [...] li jiġi appoġġat l-iżvilupp tal-ħiliet diġitali [...] għal kulħadd, inkluż il-ħsieb kritiku u l-litteriżmu fil-media, fl-Unjoni kollha permezz tal-Programm.
- (14) L-apprendiment formali, mhux formali u informali [...] għandu rwol essenzjali fl-[...]edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli, is-sensibilizzazzjoni u t-trawwim tal-ħiliet u l-kompetenzi ewlenin meħtieġa biex tinbidel l-imġiba personali. Il-Programm ser jgħin biex il-persuni jingħataw is-setgħa li jaġixxu fil-komunitajiet rispettivi tagħhom u jibnu l-[...]ħiliet meħtieġa għal tranżizzjoni ekoloġika [...] li tirnexxi, inkluż f'konformità mal-Patt għal Industrija Nadifa. Jenħtieġ li l-programm jippromwovi Prattiki li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-impatt ambjentali tiegħu.

---

<sup>11</sup> [...]

- (15) Jenħtiegħ li d-dimensjoni internazzjonali tal-Programm ikollha l-għan li toffri opportunitajiet għall-mobbiltà tal-apprendiment, għall-kooperazzjoni u għad-djalogu ta' politika ma' pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm, billi tibbaża fuq l-esperjenza tal-programmi predeċessuri, inkluż biex tikkontribwixxi għall-kompetittività tal-Unjoni, filwaqt li tippromwovi l-valuri tal-Unjoni u tiżgura l-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà ekonomika tal-Unjoni. Sabiex jiżded l-impatt ta' dawk l-attivitajiet, huwa importanti li jissaħħu s-sinerġiji bejn il-Programm u l-Ewropa Globali, [...] l-istrategġja Global Gateway u l-oqfsa ta' politika marbuta mal-edukazzjoni u t-taħriġ, maż-żgħażaġħ u mal-isport.
- (16) Jenħtiegħ li l-Programm iqarreb lill-pajjiżi kandidati u lill-kandidati potenzjali lejn l-għan tagħhom li jaderixxu mal-Unjoni, inkluż permezz tat-trawwim tal-valuri tal-Unjoni. Jenħtiegħ li l-Programm jippromwovi l-istabbiltà, is-sħubijiet u l-iżvilupp tal-ħiliet ma' pajjiżi fil-viċinat usa', inkluż billi jsaħħaħ ir-rabtiet mar-reġjun tal-Mediterran. Permezz ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi oħra madwar id-dinja, jenħtiegħ li l-Programm [...] jattira wkoll talenti madwar id-dinja, u jsawwar sħubijiet b'mod partikolari biex jippromwovi l-kompetittività tal-Unjoni u jsaħħaħ ir-reżiljenza tagħha. Jenħtiegħ li l-Programm jappoġġa lill-pajjiżi fl-immodernizzar tal-istituzzjonijiet u tal-organizzazzjonijiet tagħhom u, b'mod aktar ġenerali, fit-tisħiħ tal-kwalità u tal-inklużività tal-edukazzjoni, tat-taħriġ, taż-żgħażaġħ u tal-isport permezz ta' sħubijiet internazzjonali.
- (17) Jenħtiegħ li l-implimentazzjoni tal-Programm tkun iggwidata mill-prinċipji u l-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza u l-istat tad-dritt, u s-solidarjetà, kif minqax rispettivament fl-Artikolu 2 TUE [...] u msemmi fil-preambolu tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta"). Għalhekk, huwa essenzjali li kull parti involuta fil-Programm tirrispetta dawk il-prinċipji u l-valuri. Jenħtiegħ li l-Programm jirrispetta wkoll il-prinċipji stabbiliti fil-Linji Gwida tal-UE tal-2017 għall-Promozzjoni u l-Protezzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal u fl-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà [...].

- (18) Jenħtiegħ li l-Programm ihegħgħ il-parteċipazzjoni, b'mod partikolari taż-żgħażaġħ, fil-ħajja demokratika tal-Ewropa, inkluż billi jappoġġa attivitajiet li jikkontribwixxu għall-edukazzjoni ċivika, irawmu l-ħiliet meħtieġa għall-involvement ċiviku u jippermettu l-involvement fis-soċjetà ċivika u l-apprendiment dwar kif jipparteċipaw fiha, u b'hekk irawwem sensibilizzazzjoni dwar il-valuri [...] tal-Unjoni, inkluż id-drittijiet fundamentali, jiffaċilita l-interazzjoni ma' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-livell lokali, nazzjonali u Ewropew u jikkontribwixxi għall-proċess tal-integrazzjoni Ewropea. Jenħtiegħ li l-Programm jappoġġa wkoll il-ħolqien ta' opportunitajiet u mekkaniżmi għal parteċipazzjoni sinifikattiva taż-żgħażaġħ, inkluż attivitajiet immexxija miż-żgħażaġħ jew attivitajiet b'involvement sinifikattiv taż-żgħażaġħ li jistgħu jitwettqu minn gruppi informali ta' żgħażaġħ jew partijiet ikkonċernati rilevanti oħra.
- (19) Jenħtiegħ li l-Programm joffri opportunitajiet aċċessibbli, inklużivi u sikuri għaż-żgħażaġħ u għall-organizzazzjonijiet biex juru solidarjetà, b'hekk jgħinjom jappoġġaw lill-komunitajiet u jindirizzaw l-isfidi tas-soċjetà, filwaqt li jiksbu esperjenza u ħiliet siewja għat-tkabbir personali, iċ-ċittadinanza attiva u l-impjegabbiltà tagħhom.
- (20) Jenħtiegħ li l-Programm jappoġġa l-attivitajiet ta' volontarjat tal-"Korp Ewropew ta' Solidarjetà", inkluż il-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja. Dawk l-attivitajiet kienu koperti mill-programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027. Il-volontarjat, kemm fl-Unjoni kif ukoll lil hinn minnha, jikkonstitwixxi esperjenza rikka f'kuntast ta' apprendiment mhux formali u informali, li tippermetti liż-żgħażaġħ juru solidarjetà u jinvolvu ruħhom f'attivitajiet li jikkontribwixxu għall-indirizzar tal-isfidi tas-soċjetà u dawk umanitarji filwaqt li jsaħħu l-iżvilupp personali, soċjoedukattiv u professjonali, iċ-ċittadinanza attiva, il-parteċipazzjoni ċivika u l-impjegabbiltà tagħhom.[...] Jenħtiegħ li jiġu segwiti sinerġiji bejn l-attivitajiet ta' volontarjat tal-"Korp Ewropew ta' Solidarjetà" u l-politiki u l-istrumenti nazzjonali rilevanti fl-Istati Membri u fil-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm, fejn xieraq.

- (21) Bil-ħsieb li tissaħħaħ il-promozzjoni tas-solidarjetà u l-viżibbiltà tal-għajnuna umanitarja u tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp fost iċ-ċittadini Ewropej, jeħtiegħ tiġi żviluppata s-solidarjetà li l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi assoċjati mal-[...]Programm juru mal-pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm milquta minn diżastri kawża ta' perikli naturali u riskji antropoġeniċi. Jenħtiegħ li l-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja jikkontribwixxi għal rispons ikkoordinat tal-Unjoni bbażat fuq il-ħtiġijiet u ser jiġi implimentat f'konformità mar-regoli u l-proċeduri stabbiliti f'dan ir-Regolament.
- (22) Iż-żgħażaġġ, b'mod partikolari dawk b'inqas opportunitajiet, jenħtiegħ li jkomplu jingħataw l-opportunità li jkollhom l-ewwel esperjenza ta' vjaġġar madwar l-Ewropa bħala parti minn attività ta' apprendiment informali u mhux formali [...] li għandha l-għan li trawwem is-sens ta' appartenenza tagħhom fl-Unjoni u li tippermettilhom jiskopru d-diversità kulturali u lingwistika tagħha.
- (23) Fil-qasam tal-isport, permezz tal-opportunitajiet ta' mobbiltà u l-bini tal-kapaċitajiet, inkluż il-kooperazzjoni, jenħtiegħ li l-Programm irawwem valuri Ewropej komuni, il-volontarjat kif ukoll l-innovazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet fl-isport u permezz tiegħu. Jenħtiegħ li l-Programm [...] jippromwovi l-governanza tajba, is-sikurezza u l-integrità fl-isport [...] u d-diplomazija bl-isport [...]. Jenħtiegħ li jappoġġa wkoll lill-organizzazzjonijiet tal-isport għad-dilettanti, filwaqt li jiffoka fuq attivitajiet fiżiċi għal kulħadd ipprattikati għal skopijiet ta' saħħa, edukattivi jew soċjali [...]. Jenħtiegħ li l-Programm joffri [...] lin-nies madwar l-Ewropa l-opportunità li jipparteċipaw f'inizjattivi sportivi transfruntiera, filwaqt li jrawwem it-tkabbir personali, l-iskambju kulturali, is-solidarjetà u l-involvement tal-komunità.

- (24) Il-Programm jagħti kontribut ewlieni għaż-[...]Żona Ewropea tal-Edukazzjoni[...], appoġġat u implimentat permezz tal-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ u l-promozzjoni tal-kwalità, l-ekwità, l-inklużjoni u s-suċċess għal kulħadd. Iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni hija mirfuda minn approċċ olistiku, li jkopri t-tagħlim, it-taħriġ u l-apprendiment fil-kuntesti u l-livelli kollha — kemm jekk formali, mhux formali jew informali — mill-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal sal-apprendiment għall-adulti, inkluż l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) u l-edukazzjoni għolja.
- (24a) Filwaqt li tikkontribwixxi għall-objettiv li jinħoloq spazju komuni ġenwin għal edukazzjoni ta' kwalità, taħriġ u apprendiment tul il-ħajja bejn il-fruntieri [...], [...]]l-Unjoni tal-[...]Ħiliet għandha l-għan li żżid l-isforzi [...] f'dan il-qasam. Dan jista' jinkiseb permezz tat-twassil ta' ħiliet bażiċi u avvanzati, l-għoti ta' opportunitajiet għall-persuni biex jaġġornaw regolarment u jiksbu ħiliet ġodda u orjentati lejn il-futur, l-iffaċilitar [...] tal-mobbiltà tal-persuni permezz tat-trasparenza u r-rikonoxximent tal-ħiliet u l-kwalifiki u r-reklutaġġ min-negozji [...] madwar l-Unjoni, u l-attrazzjoni, l-iżvilupp u ż-żamma tal-aqwa talent fl-Ewropa [...].
- (25) Importanti li jiġi stimulat u mwessa' l-aċċess għall-apprendiment, għat-tagħlim u għar-riċerka dwar l-[...]Unjoni, il-valuri u ċ-ċittadinanza. B'mod partikolari, importanti li jitrawwem sens ta' appartenenza u impenn Ewropew, minħabba l-isfidi li l-Unjoni qiegħda tiffaċċa llum il-ġurnata. Jenħtieġ li l-Programm ikompli jikkontribwixxi għall-apprendiment dwar kwistjonijiet marbuta mal-integrazzjoni Ewropea, inkluż l-isfidi u l-opportunitajiet futuri tal-Unjoni, biex jipromwovi d-dibattitu dwar dawk il-kwistjonijiet u l-iżvilupp tal-eċċellenza fl-istudji dwar l-integrazzjoni Ewropea, anke permezz tal-azzjonijiet Jean Monnet.

- (26) L-apprendiment tal-lingwi jikkontribwixxi għal fehim reċiproku fost in-nies u l-kulturi [...] u d-diversità kulturali u jrawwem il-mobbiltà fl-Unjoni u barra minnha, peress li l-kompetenzi lingwistiċi huma ħiliet essenzjali għall-ħajja u għall-impjiegi. Għalhekk, jenħtieġ li l-Programm isaħħaħ l-apprendiment tal-lingwi, inkluż, meta jkun rilevanti, il-lingwi tas-sinjali nazzjonali. Sabiex jiġi żgurat aċċess wiesa' u inklużiv għall-Programm, importanti li l-multilingwiżmu jkun prinċipju ewlieni fl-implimentazzjoni tal-Programm.
- (27) L-Ewropa qed tiffaċċa sfida dejjem akbar biex tindirizza l-ħtiġijiet tal-ħiliet għas-suq tax-xogħol, inkluż għal setturi li qed ibatu minn nuqqasijiet serji, u biex tissodisfa d-domanda għal talent b'ħiliet speċjalizzati f'setturi strateġiċi [...], bħal, iżda mhux limitati għal, [...] teknoloġiji nodfa u ċirkolari, it-trasport, l-enerġija, ir-reżiljenza tal-ilma, l-agrikoltura, il-kura tas-saħħa, it-teknoloġiji diġitali, l-ajruspazju u d-difiża. [...] F'konformità mal-Unjoni tal-[...] Ħiliet, jenħtieġ li l-Programm [...] jappoġġa [...] l-istudenti [...] tal-Unjoni biex ikomplu l-istudji tagħhom f'setturi [...] strateġiċi b'valur miżjud Ewropew ċar. Dan jista' jinkludi miżuri mfassla biex [...] iżommu l-aqwa talent [...] fl-Ewropa billi jipprovdu opportunitajiet għal studji fi programmi ta' studju konġunti, fil-livelli 5, 6 u 7 tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki fl-educazzjoni għolja u, fejn adatt, fl-educazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. Jenħtieġ li tali miżuri jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni ta' studenti li ġejjin minn ambjenti differenti, b'mod partikolari dawk b'inqas opportunitajiet, filwaqt li jitqies il-bilanċ ġeografiku. Jenħtieġ li l-implimentazzjoni tagħhom tibqa' flessibbli biżżejjed biex twieġeb għall-prijoritajiet ta' politika li qed jevolvu u għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Jenħtieġ li l-opportunitajiet ta' żvilupp tat-talenti u tal-eċċellenza ma jbidlux l-enfasi ewlenija tal-Programm fuq il-mobbiltà tal-apprendiment jew ikollhom impatt sproporzjonat fuq il-finanzjament ta' azzjonijiet oħra tal-Programm. L-appoġġ għal opportunitajiet bħal dawn jista' jinkiseb permezz ta' sinerġiji ma' strumenti oħra, bħall-Fond Ewropew għall-Kompetittività, u billi jiġi sfruttat l-involviment tan-negozju, tal-industrija u ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Minbarra l-iżvilupp u ż-żamma tat-talent lokali, huwa importanti li jiġu attirati individwi b'talent lejn l-Unjoni billi jiġu offruti [...] opportunitajiet bħall-boroż ta' studju Erasmus Mundus. [...]

- (28) Il-kooperazzjoni tippermetti l-iskambju ta' prattiki u l-bini tal-kapaċitajiet, u b'hekk twassal għal eżiti u prestazzjoni aħjar kif ukoll għal titjib fl-effiċjenza billi tiġbor ir-riżorsi u l-għarfien flimkien. Għalhekk, jenħtieġ li l-Programm jappoġġa miżuri għall-bini tal-kapaċitajiet li jsaħħu l-kooperazzjoni f'livelli differenti bejn l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet li huma attivi fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ, taż-żgħażaġh u tal-isport. Dan jirrikonoxxi r-rwol fundamentali tal-istituzzjonijiet u tal-organizzazzjonijiet li jħejju lill-individwi bl-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa f'dinja li qiegħda tinbidel u jgħinu lill-istituzzjonijiet u lill-organizzazzjonijiet attivi fil-qasam jilħqu b'mod adegwat il-potenzjal tagħhom għall-innovazzjoni, għall-kreattività u għall-intraprenditorija, b'mod partikolari fl-ekonomija diġitali.
- (29) Jenħtieġ li l-Programm jappoġġa l-kooperazzjoni tranżnazzjonali strateġika fit-tul fil-livell istituzzjonali għall-iżvilupp tal-eċċellenza, tal-kompetittività u tal-attraenza u għall-ġenerazzjoni ta' trasformazzjoni sostenibbli u sistemika tal-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ, taż-żgħażaġh u tal-isport, f'konformità mal-[...][...]prijoritajiet tal-Unjoni. Din il-kooperazzjoni ser tinkludi inizjattivi li [...] jaġixxu[...] bħala laboratorji għal strumenti innovattivi ta' edukazzjoni, taħriġ u żvilupp tal-ħiliet, li jappoġġaw il-kooperazzjoni man-negozju, [...] l-industrija u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Jenħtieġ li l-Programm ikompli jappoġġa l-ħidma tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ u tal-Istati Membri favur it-tneħħija tal-ostakli li fadal għall-kooperazzjoni tranżnazzjonali u l-multiplikazzjoni tal-offerta tal-programmi ta' studju konġunti tranżnazzjonali, u b'hekk jikkontribwixxu għal Lawrja Ewropea konġunta possibbli<sup>12</sup>.

---

<sup>12</sup> Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar tikketta ta' lawrja Ewropea konġunta u l-passi li jmiss lejn lawrja Ewropea konġunta possibbli: nagħtu spinta lill-kompetittività tal-Ewropa u l-attrattività tal-edukazzjoni għolja Ewropea. (ĠU C, C/2025/2939, 22.5.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/2939/oj>).

- (30) Jenħtieġ li l-Programm jappoġġa b'mod sostenibbli l-missjoni ewlenija tal-edukazzjoni tal-Alleanzi tal-Universitajiet Ewropej biex jippermetti impatt sistemiku miksub b'mod aktar effiċjenti permezz ta' azzjoni fit-tul fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari biex tissaħħaħ l-eċċellenza, titnaqqas il-frammentazzjoni u tiżdied l-attrazzjoni u l-inklużività tas-[...] sistemi tal-edukazzjoni għolja fl-UE, u jiġu żviluppati strumenti innovattivi biex tiżdied il-kwalità tal-apprendiment u tat-tagħlim [...]. Jenħtieġ li din il-missjoni ewlenija, li hija ankrata f'vizzjoni komuni u appoġġata minn arranġamenti ta' governanza konġunti u riżorsi kondiviżi, tinkludi l-iżvilupp ta' ħiliet u kompetenzi orjentati lejn il-futur [...], inkluż [...] għal setturi diġà identifikati fl-Unjoni tal-Ħiliet, permezz ta' programmi ta' studju rilevanti u li jibqgħu validi fil-futur [...], innovazzjoni pedagoġika, lawrji konġunti, apprendiment tul il-ħajja, mikro kredenzjali, biex jitravwem u jiġi attirat it-talent u tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni tranżnazzjonali fl-edukazzjoni, inkluż man-negozju, [...] mal-industrija u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Jenħtieġ li l-appoġġ għad-dimensjonijiet kollha tal-alleanzi, inkluż ir-riċerka u l-innovazzjoni u l-kontribut tagħhom għall-kompetittività tal-Unjoni, jiġi segwit permezz ta' sinerġiji ma' strumenti oħra, bħall-Fond Ewropew għall-Kompetittività u Orizzont Ewropa.
- (30a) Jenħtieġ li l-Programm jappoġġa ċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali bbażati fuq sħubijiet fil-livelli tranżnazzjonali, nazzjonali, reġjonali u lokali biex jiġu appoġġati sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali ta' kwalità għolja u innovattivi li jiżviluppaw ħiliet u opportunitajiet għall-iżvilupp professjonali u personali, f'konformità mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, u b'hekk jikkontribwixxi għal ekonomija u soċjetà dinamiċi, reżiljenti u inklużivi. Jista' jinkiseb aktar appoġġ permezz ta' sinerġiji ma' strumenti oħra, bħall-Fond Ewropew għall-Kompetittività u l-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali.

- (31) F'konformità mal-oqfsa u l-għodod rilevanti tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Programm jikkontribwixxi għall-iżvilupp [...] tal-ħiliet, inkluż [...] permezz [...] ta' skema ta' appoġġ possibbli għall-ħiliet bażiċi u għat- trawwim ta' assigurazzjoni ta' kwalità, it-trasparenza, ir-rikonossiment tal-ħiliet, tal-kompetenzi u tal-kwalifiki (inkluż il-kwalifiki tal-edukazzjoni għolja u tal-edukazzjoni sekondarja oġhla u l-kwalifiki tat-taħriġ li jagħtu aċċess għall-edukazzjoni oġhla<sup>13</sup>), id-diġitalizzazzjoni [...] u l-validazzjoni tal-apprendiment mhux formali u informali, il-ġestjoni tal-ħiliet u l-gwida. F'dak ir-rigward, jenħtieġ li l-Programm jipprovdi wkoll appoġġ lill-punti ta' kuntatt u lin-networks fil-livell nazzjonali u Ewropew li jiffaċilitaw l-iskambji trans-Ewropej u dawk barra mill-Ewropa, u l-iżvilupp ta' perkorsi ta' apprendiment flessibbli bejn oqsmi differenti tal-edukazzjoni u t-taħriġ u taż-żgħażaġh, u f'kuntesti formali u mhux formali, inkluż permezz tal-appoġġ għall-ekosistemi tal-mikrokredenzjali.
- (32) Il-pjattaformi u l-għodod online faċli għall-utent għall-kooperazzjoni virtwali jistgħu jaqdu rwol importanti fl-appoġġ tat-twassil tal-politika dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ, [...] iż-żgħażaġh u l-isport fl-Ewropa u lil hinn minnha. Sabiex jiżdied l-użu ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni virtwali, jenħtieġ li l-Programm jappoġġa użu aktar sistematiku u koerenti tal-pjattaformi online. Jenħtieġ ukoll li jiffaċilita u jappoġġa l-proċessi tal-mobbiltà permezz tad-diġitalizzazzjoni.

---

<sup>13</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2018 dwar il-promozzjoni tar-rikonossiment reċiproku awtomatiku ta' kwalifiki tal-edukazzjoni għolja u tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli u l-eżiti tal-perjodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż (ĠU C 444, 10.12.2018, p. 1).

- (33) Jenħtieġ li l-Programm jitfassal biex jipromwovi l-inklużjoni, id-diversità, is-solidarjetà u l-opportunitajiet indaq, inkluż l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni, billi jwessa' l-aċċess għall-mobbiltà, għall-volontarjat u għall-apprendiment fl-Unjoni u lil hinn minnha, u b'hekk jippermetti lin-nies kollha jibbenefikaw bis-sħiħ minn esperjenza trasformattiva.
- (34) Jenħtieġ li l-Programm jipprevedi sett ta' miżuri li jiffaċilita u jtejjeb l-aċċess għall-persuni b'inqas opportunitajiet, li jneħħi l-ostakli li jistgħu jipprevjenu tali aċċess, inkluż dawk finanzjarji, u li jservi bħala bażi għal gwida ulterjuri għall-implimentazzjoni. Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu, fost l-oħrajn, appoġġ finanzjarju mmirat, formati ta' apprendiment aċċessibbli, iffaċilitar ta' aċċess għall-akkomodazzjoni [...] b'rabta ma' attivitajiet tal-Programm, attivitajiet preparatorji u appoġġ għall-parteċipanti b'inqas opportunitajiet qabel, matul u wara l-parteċipazzjoni tagħhom fil-Programm, dokumenti faċli għall-utent u aċċessibbli disponibbli b'lingwi differenti, attivitajiet ta' appoġġ għall-persunal li jittratta speċifikament l-inklużjoni u d-diversità fl-organizzazzjonijiet u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni fost il-parteċipanti potenzjali b'inqas opportunitajiet, inkluż f'żoni rurali u remoti. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Programm jippermetti li, fil-proċess tal-aġġudikazzjoni tal-għotjiet, tingħata prijorità lil proġetti ta' kwalità li jindirizzaw b'mod attiv l-inklużjoni u l-involvement tal-parteċipanti b'inqas opportunitajiet.
- (35) Sabiex il-Programm isir aktar aċċessibbli għal organizzazzjonijiet ġodda, [...] organizzazzjonijiet żgħar u dawk b'kapaċità [...] amministrattiva żgħira u biex il-benefiċjarji jsibuha aktar faċli biex jiġġestuh, jenħtieġ li l-Programm isaħħaħ il-miżuri għas-simplifikazzjoni tal-proċeduri fl-istadji kollha.

- (36) [Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju indikattiv għall-Programm. Għall-fini ta' dan ir-Regolament, il-prezzijiet attwali huma kkalkulati bl-applikazzjoni ta' deflatur fiss ta' 2 %.]
- (37) Fid-dawl tad-diversità tal-oqsma koperti mill-Programm, jenħtiegħ li tinżamm l-ambizzjoni għaż-żgħażaġh u għall-isport li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-objettivi tal-Programm u li jilħqu l-gruppi fil-mira tiegħu.
- (38) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>14</sup> japplika għal dan il-Programm. Dan jistipula r-regoli dwar l-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni, inkluż ir-regoli dwar l-għotjiet, il-premjijiet, id-donazzjonijiet mhux finanzjarji, l-akkwist, il-ġestjoni indiretta, l-assistenza finanzjarja, l-istrumenti finanzjarji, il-garanziji baġitarji u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.
- (38a) Skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, l-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, fl-implimentazzjoni tal-baġit, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw il-konformità mal-Karta, f'konformità mal-Artikolu 51 tal-Karta, u għandhom jirrispettaw il-valuri tal-Unjoni minqaxa fl-Artikolu 2 TUE rilevanti fl-implimentazzjoni tal-baġit.

---

<sup>14</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni. (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024).

(39) F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>15</sup>, ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95<sup>16</sup>, ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96<sup>17</sup> u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939<sup>18</sup>, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jridu jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inkluż il-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet u frodi, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett, u, meta jkun xieraq, l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi. B'mod partikolari, f'konformità mar-Regolamenti (UE, Euratom) Nru 883/2013 u (KE, Euratom) Nru 2185/96, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet, inkluż verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jstabilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. F'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) jista' jinvestiga u jwettaq prosekuzzjoni ta' frodi u attivitajiet illegali oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>19</sup>. F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni trid tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-UPPE u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u tiżgura li kull parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.

---

<sup>15</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1 [...]).

<sup>16</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1).

<sup>17</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tiproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

<sup>18</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplementa kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

<sup>19</sup> Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

- (40) Sabiex jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti għall-benefiċjarji, jenħtieġ li jintużaw kemm jista' jkun għażliet ta' kostijiet issimplifikati fil-forma ta' somom f'daqqa, kostijiet unitarji u rati fissi. Jenħtieġ li l-għażliet tal-kostijiet issimplifikati biex tiġi appoġġata l-mobbiltà tal-apprendiment fl-ambitu tal-Programm iqisu l-kostijiet tal-għajxien u tas-sussistenza fil-pajjiż ospitanti. F'konformità mal-liġi nazzjonali, jenħtieġ li l-Istati Membri jiġu mħeġġa jeżentaw dawk l-għotjiet minn kwalunkwe taxa u imposta soċjali; jenħtieġ li l-għotjiet li jiġu aġġudikati lill-individwi minn entitajiet legali pubbliċi jew privati jiġu ttrattati bl-istess mod.
- (41) Huwa xieraq li jiġi żgurat li l-Programmi 2021-2027 jingħalqu b'mod korrett, b'mod partikolari fir-rigward tat-tkomplija tal-arranġamenti pluriennali għall-ġestjoni tagħhom, bħall-finanzjament tal-assistenza teknika u amministrattiva. Mill-1 ta' Jannar 2028, jenħtieġ li l-assistenza teknika u amministrattiva tiżgura, meta jkun meħtieġ, il-ġestjoni tal-azzjonijiet li ma jkunux ġew finalizzati fl-ambitu tal-Programmi 2021-2027 sal-31 ta' Diċembru 2027.
- (42) F'konformità mal-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), jenħtieġ li l-Programm iqis is-sitwazzjoni speċifika tar-reġjuni ultraperiferiċi msemmija f'dak l-Artikolu [...]. [...] Jenħtieġ li jittieħdu miżuri biex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni tagħhom fil-Programm fl-azzjonijiet kollha, inkluż permezz ta' appoġġ finanzjarju, meta rilevanti, għall-mobbiltà tal-apprendiment u l-volontarjat. Jenħtieġ li jitrawmu l-mobbiltà u l-kooperazzjoni bejn il-persuni u l-organizzazzjonijiet minn dawk ir-reġjuni u pajjiżi terzi, b'mod partikolari l-ġirien tagħhom. Jenħtieġ li tali miżuri jiġu mmonitorjati u evalwati regolarment.

- (43) Skont l-Artikolu 85(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1764<sup>20</sup>, il-persuni fiżiċi u l-entitajiet rilevanti stabbiliti f'pajjiżi u territorji ekstra-Ewropej huma eliġibbli għal finanzjament fl-ambitu tal-Programm, soġġett għar-regoli u l-oġettivi tal-Programm u [...] l-arranġamenti possibbli applikabbli għall-Istat Membru li jkollu rabtiet mal-pajjiż jew mat-territorju ekstra-Ewropew rilevanti.
- (44) [Il-Programm għandu jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE) [XXX]\* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Prestazzjoni], li jistabbilixxi r-regoli għat-traċċar tan-nefqa u l-qafas tal-prestazzjoni għall-baġit, inkluż regoli biex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tal-prinċipji "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri msemmija fl-Artikolu 33(2), il-punti (d) u (f), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 rispettivament, regoli għall-monitoraġġ u r-rapportar dwar il-prestazzjoni tal-programmi u l-attivitajiet tal-Unjoni, regoli għall-istabbiliment ta' portal ta' finanzjament tal-Unjoni, regoli għall-evalwazzjoni tal-programmi, kif ukoll dispożizzjonijiet orizzontali oħra applikabbli għall-programmi kollha tal-Unjoni bħal dawk dwar l-informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-viżibbiltà.]
- (45) Bil-ħsieb li jiġi ottimizzat il-valur miżjud u jiżdedu l-iskala u l-impatt tal-investimenti, jenħtieġ li jsir sforz sabiex jiġu mfittxija sinerġiji b'mod partikolari bejn il-Programm u l-istrumenti l-oħra ta' finanzjament tal-Unjoni, inkluż permezz ta' mekkaniżmi abilitanti bħall-proċeduri simplifikati. Jenħtieġ li l-Programm ifittex ukoll sinerġiji li jsaħħu l-kollaborazzjoni bejn l-edukazzjoni u s-settur privat.

---

<sup>20</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1764 tal-5 ta' Ottubru 2021 dwar l-Assoċjazzjoni tal-Pajjiżi u t-Territorji ekstra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea inkluż ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea minn naħa, u Greenland u r-Renju tad-Danimarka min-naħa l-oħra (Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni ekstra-Ewropea, inkluż Greenland) (ĠU L 355, 7.10.2021, p. 6 [...]).

(46) Jenħtieġ li l-Programm ikun miftuħ għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi meta dan ikun fl-interess tal-Unjoni. Għal dan l-għan, l-Unjoni tista' tippermetti l-assoċjazzjoni sħiħa [...] jew parzjali ta' pajjiżi terzi mal-Programm u mal-azzjonijiet kostitwenti tal-Programm meta jkun hemm fis-seħħ ftehimiet internazzjonali rilevanti ma' dawk il-pajjiżi u f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fih. Jenħtieġ li l-pajjiżi terzi jinkludu wkoll il-kategorija ta' mikrostatu Ewropej (il-Prinċipat ta' Andorra, il-Prinċipat ta' Monaco, ir-Repubblika ta' San Marino u l-Istat tal-Belt tal-Vatikan). Jenħtieġ li l-assoċjazzjoni mal-Programm tkun soġġetta għal bilanċ ġust tal-kontribuzzjonijiet u tal-benefiċċji tal-pajjiż terz u tiżgura l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji u tas-sigurtà tal-Unjoni. Meta tkun qed tittieħed deċiżjoni dwar il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi u dwar il-modalitajiet ta' tali parteċipazzjoni, għandhom jiġu osservati l-prerogattivi rispettivi tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 218 TFUE. Jenħtieġ li l-pajjiżi terzi li pparteċipaw f'xi wieħed mill-programmi preċedenti skont ir-Regolamenti (UE) 2021/817<sup>21</sup>, (UE) 2021/888<sup>22</sup>, (UE) Nru 1288/2013<sup>23</sup> jew (UE) 2018/1475<sup>24</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li stabbilew aġenzija nazzjonali matul kwalunkwe wieħed mill-perjodi ta' programmazzjoni rilevanti ma jitqisux għal assoċjazzjoni parzjali mal-Programm. Għal kategoriji oħra ta' pajjiżi terzi, jenħtieġ li l-assoċjazzjoni parzjali tintuża bħala pass lejn l-assoċjazzjoni sħiħa jew tiġi kkunsidrata meta ma jkun hemm l-ebda prospett ta' assoċjazzjoni sħiħa u tali assoċjazzjoni parzjali tkun fl-interess tal-Unjoni. Fi kwalunkwe każ, jenħtieġ li fil-ftehimiet kollha li jagħtu assoċjazzjoni parzjali jintuża pakkett wieħed predefinit ta' kontribuzzjonijiet u benefiċċji. Huwa essenzjali li

---

<sup>21</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi Erasmus+: il-Programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni u taħriġ, żgħażaġh u sport u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 (ĠU L 189, 28.5.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/817/oj>).

<sup>22</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/888 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi l-Programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2018/1475 u (UE) Nru 375/2014 (ĠU L 202, 8.6.2021, p. 32, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/888/oj>).

<sup>23</sup> Ir-Regolament (UE) 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi 'Erasmus+': il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażaġh u sport u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 50, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1288/oj>).

<sup>24</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1475 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi l-qafas legali tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1288/2013, ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 u d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE (ĠU L 250, 4.10.2018, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1475/oj>).

l-pajjiżi terzi li jipparteċipaw fil-Programm jirrispettaw il-valuri tal-Unjoni minqaxa fl-Artikolu 2 TUE. Jenħtieġ li l-entitajiet legali minn [...] pajjiżi terzi li ma jkunux assoċjati mal-Programm [...] ikunu jistgħu jipparteċipaw f'xi wħud mill-azzjonijiet tal-Programm, kif definit fil-programm ta' ħidma u fis-sejħiet għal proposti ppubblikati mill-Kummissjoni, dment li l-parteċipazzjoni tagħhom tikkontribwixxi għall-kisba [...] tal-oġettivi tal-programm u tkun essenzjali għall-implimentazzjoni tal-azzjoni.

- (46a) Sabiex jissaħħu l-prevedibbiltà u t-trasparenza, jenħtiegħ li l-azzjonijiet taħt għestjoni diretta li jiġu introdotti għall-ewwel darba u li ma jkunux għew implimentati qabel permezz ta' programm ta' ħidma fl-ambitu ta' dan ir-Regolament ikunu jistgħu jiġu identifikati b'mod ċar bħala azzjonijiet ġodda. Għall-ewwel sena ta' implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtiegħ li jiġu kkunsidrati azzjonijiet ġodda daww l-azzjonijiet li ma jkunux għew implimentati permezz ta' programm ta' ħidma fl-ambitu tar-Regolament (UE) 2021/817 jew (UE) 2021/888.
- (46b) Jenħtiegħ li azzjoni titqies għidida meta tintroduċi loġika ta' intervent distinta, li tidher b'mod partikolari minn objettiv u kamp ta' applikazzjoni ġodda, grupp fil-mira primarju għdid, mekkaniżmu eżekuttiv sostanzjalment differenti, u/jew allokkazzjoni baġitarja distinta u identifikabbli fil-programm ta' ħidma. Jenħtiegħ li adattamenti bħal bidliet fl-isem ta' azzjoni li diġà teżisti, aġġustamenti baġitarji annwali, modifiki fl-iskeda ta' żmien jew fid-durata, aġġornamenti tekniċi tal-kriterji jew tal-kundizzjonijiet għall-għoti, estensjonijiet ġeografiċi, jew l-introduzzjoni ta' modalitajiet ta' implimentazzjoni komplementari, ma jitqisux bħala azzjonijiet ġodda, dment li tali bidliet ma jbiddux l-objettivi ġenerali u l-loġika ta' intervent tal-azzjoni li diġà teżisti. Jenħtiegħ li l-opportunitajiet ta' żvilupp tat-talent u tal-eċċellenza jitqiesu bħala azzjoni għidida irrispettivament mill-fatt li huma relatati mal-proġett ta' esperimentazzjoni tal-politika Ewropea fil-qafas tal-Erasmus+ 2021-2027.
- (46c) Sabiex tiġi ppreservata l-flessibbiltà tal-Programm, jenħtiegħ li l-Unjoni żżomm il-kapaċità li tintroduċi azzjonijiet ġodda biex twieġeb f'waqtu għal ċirkostanzi eċċezzjonali, filwaqt li tiżgura ċ-ċertezza legali u l-implimentazzjoni effettiva tal-Programm f'konformità mal-objettivi tiegħu. L-introduzzjoni ta' tali azzjonijiet hija soġġetta għall-adozzjoni tal-programmi ta' ħidma distinti mill-Kummissjoni.

- (46d) Fid-dawl tan-natura innovattiva ħafna tagħhom u l-implikazzjonijiet potenzjalment sinifikanti għall-baġit tal-Programm, jenħtieġ li l-opportunitajiet ta' żvilupp tat-talent u tal-eċċellenza jiġu żviluppati mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kumitat tal-Programm. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta wkoll ir-riżultati tal-valutazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' żvilupp tat-talent u tal-eċċellenza lill-Kunsill qabel l-inklużjoni tagħhom fil-programm ta' ħidma regolari. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis il-fehmiet espressi fil-Kunsill.
- (47) Jenħtieġ li jiġu żgurati divulgazzjoni xierqa u inklużiva u pubbliċità tal-opportunitajiet appoġġati mill-Programm fil-livell lokali, nazzjonali u tal-Unjoni, u jenħtieġ li dawn iqisu l-gruppi fil-mira ewlenin tal-Programm u, meta jkun rilevanti, varjetà wiesgħa ta' gruppi fil-mira oħra. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-korpi ta' implimentazzjoni jiffaċilitaw il-kondiviżjoni tal-prattiki tajbin u r-riżultati tal-proġetti u jiġbru feedback dwar il-Programm.
- (48) Jenħtieġ li l-Programm jimmobilizza l-potenzjal tal-parteċipanti preċedenti fil-programm Erasmus+ u fil-Programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u jappoġġa attivitajiet relatati billi jhegġi għom jippromwovu l-Programm.
- (49) Jenħtieġ li jittieħdu miżuri biex tiġi ssimplifikata l-ġestjoni tal-Programm u jinkisbu ekonomiji ta' skala, inkluż billi [...] l-kontributi għall-Programm jiġu kkonsolidati fi ftehim ta' kontribut wieħed għal kull aġenzija nazzjonali, meta applikabbli.

- (49a) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Jenħtieġ li daww is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>25</sup>.
- (49b) Fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-atti legali relatati tal-Unjoni, huwa xieraq li l-attivitajiet ta' volontarjat tal-"Korp Ewropew ta' Solidarjetà" appoġġati skont dan ir-Regolament jew l-attivitajiet ta' volontarjat li jkomplu jiġu appoġġati skont ir-Regolament (UE) 2021/888 jiqiesu ekwivalenti għall-volontarjat imwettaq skont is-Servizz Volontarju Ewropew.
- (50) Jenħtieġ li r-Regolamenti (UE) 2021/817<sup>26</sup> u (UE) 2021/888<sup>27</sup> jitħassru b'effett mill-1 ta' Jannar 2028.
- (51) Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità fl-għoti tal-appoġġ fil-qasam politiku rilevanti u biex l-implimentazzjoni tkun tista' tibda mill-bidu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2028-2034, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2028 u jibda japplika minn dakinhar[...].

---

<sup>25</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj>).

<sup>26</sup> [...]

<sup>27</sup> [...]

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## [...] **TITOLU I**

### **DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

#### *Artikolu 1*

#### ***Suġġett***

Dan ir-Regolament jistabbilixxi Erasmus+, il-programm [...] għall-azzjoni tal-Unjoni fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ [...], iż-żgħażaġh u l-isport (il-"Programm") u jistabbilixxi l-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja, kif ukoll l-oġettivi tal-Programm, il-baġit tiegħu [għall-perjodu 2028-2034], il-forom ta' finanzjament tal-Unjoni u r-regoli biex jiġi pprovdut tali finanzjament. [...]

#### *Artikolu 2*

#### ***Definizzjonijiet***

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[...]

[...]

(2a) "edukazzjoni għall-adulti" tfisser kwalunkwe forma ta' apprendiment formali, mhux formali jew informali għall-adulti;

- (3) "sport għad-dilettanti" tfisser kwalunkwe sport jew attività fiżika [...] ipprattikata regolarment f'livell mhux professjonali, l-aktar f'livell lokali, minn persuni ta' kull età għal finijiet ta' saħħa, edukattivi jew soċjali;
- (4) "istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja" tfisser istituzzjoni li, f'konformità mad-dritt jew il-prattika [...] nazzjonali [...]jew [...] meta applikabbli, reġjonali, toffri [...] lawrji rikonoxxuti jew kwalifiki rikonoxxuti oħra ta' livell terzjarju, irrISPettivament minn x'jissejjaħ tali stabbiliment, jew istituzzjoni komparabbli fil-livell terzjarju li titqies mill-awtoritajiet nazzjonali [...] jew reġjonali [...] bħala eliġibbli biex tipparteċipa fil-Programm fit-territorji rispettivi tagħhom;
- (5) "student tal-edukazzjoni għolja" tfisser persuna rreġistrata f'istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja, inkluż f'livell ta' ċiklu qasir, baċċellerat, master jew dottorat jew ekwivalenti, jew persuna li reċentement [...] iggradwat minn tali istituzzjoni;
- (6) "Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja" tirreferi għal attivitajiet ta' volontarjat li jappoġġaw operazzjonijiet fit-tul ta' wara l-kriżi ta' għajnuna umanitarja u ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp f'pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm, li huma maħsuba biex jipprovdu assistenza bbażata fuq il-ħtiġijiet li jkollha l-għan li tipprevjeni u ttaffi t-tbatija umana, u li żżomm dinjità umana dejjiema f'każ ta' kriżijiet, u li jinkludu azzjonijiet li għandhom l-għan li jsaħħu l-preparatezza għad-diżastri u t-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri, jorbtu flimkien l-għajnuna, ir-riabilitazzjoni u l-iżvilupp, u jikkontribwixxu għat-tiġid tar-reżiljenza u l-kapaċità tal-komunitajiet vulnerabbli jew dawk milqutin minn diżastri li jkampaw mal-kriżijiet u jirkupraw minnhom;

- (7) "apprendiment informali" tfisser apprendiment li jirriżulta minn attivitajiet u esperjenzi ta' kuljum li mhuwiex organizzat jew strutturat f'termini ta' objettivi, żmien jew appoġġ għall-apprendiment; jista' ma jkunx intenzjonat mill-perspettiva tal-istudent;
- (8) "programm ta' studju konġunt" tfisser [...] kurrikulu integrat, ikkoordinat u offrut b'mod konġunt minn istituzzjonijiet differenti tal-edukazzjoni għolja minn żewġ pajjiżi jew aktar u li jwassal għall-għoti ta' [...] lawrji doppji/multipli lawrji jew għal lawrja konġunta;
- (9) "apprendiment tul il-ħajja" tfisser l-apprendiment fil-forom kollha tiegħu, kemm jekk formali, mhux formali jew informali, li jseħħ fl-istadji kollha tal-ħajja u li jirriżulta f'titjib jew aġġornament fl-għarfien, fil-ħiliet, fil-kompetenzi u fl-attitudnijiet, inkluż permezz ta' mikrokredenzjali jew tal-parteċipazzjoni fis-soċjetà minn perspettiva personali, ċivika, kulturali, soċjali jew marbuta mal-impjieg, bħall-għoti ta' servizzi ta' konsulenza u ta' gwida; dan jinkludi l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, l-edukazzjoni ġenerali, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-edukazzjoni għolja, [...] l-edukazzjoni għall-adulti, il-ħidma fost iż-żgħażaġh, l-isport u ambjenti oħra ta' apprendiment barra mill-edukazzjoni u t-taħriġ formali, u tipikament jipromwovi l-kooperazzjoni transsettorjali u perkorsi flessibbli ta' apprendiment;

- (10) "mobilità tal-apprendiment" tfisser iċ-ċaqliq fiżiku lejn pajjiż li mhuwiex il-pajjiż tar-residenza għal studju, taħriġ, taġġim, jew apprendiment mhux formali jew informali, li possibbilment jinkludi komponenti virtwali;
- (10a) "entità legali" tfisser persuna fiżika jew ġuridika maħluqa u rikonoxxuta bħala tali skont id-dritt nazzjonali, id-dritt tal-Unjoni jew id-dritt internazzjonali, li jkollha personalità ġuridika u li tista', meta taġixxi fisimha stess, teżerċita drittijiet u tkun soġġetta għal obbligi, jew entità li ma għandhiex personalità ġuridika kif imsemmi fl-Artikolu 200(2), il-punt (c), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509;
- (10b) "aġenzija nazzjonali" tfisser korp maħtur f'konformità ma' dan ir-Regolament, inkarigat mill-implimentazzjoni tal-Programm fuq livell nazzjonali fi Stat Membru jew f'pajjiż terz assoċjati mal-Programm;
- (10c) "awtorità nazzjonali" tfisser korp pubbliku maħtur f'konformità ma' dan ir-Regolament, inkarigat mill-monitoraġġ u s-superviżjoni tal-ġestjoni tal-Programm fuq livell nazzjonali fi Stat Membru jew f'pajjiż terz assoċjati mal-Programm;
- (11) "apprendiment mhux formali" tfisser apprendiment li jsir barra mill-edukazzjoni u t-taħriġ formali permezz ta' attivitajiet ippjanati f'termini tal-oġġettivi tal-apprendiment u ż-żmien għall-apprendiment u fejn ikun hemm xi forma ta' appoġġ għall-apprendiment;
- (12) "persuni b'inqas opportunitajiet" tfisser persuni li, għal raġunijiet ekonomiċi, soċjali, kulturali, ġeografiċi jew ta' saħħa, jew minħabba li jkunu ġejjin minn kulture ta' migrazzjoni, jew għal raġunijiet bħal diżabbiltà jew diffikultajiet edukattivi, jew għal kwalunkwe raġuni oħra, inkluż raġuni li tista' tikkostitwixxi diskriminazzjoni skont l-Artikolu 21 tal-Karta [...], jiffaċċaw ostakli li jistgħu ma jħalluhomx ikollhom aċċess effettiv għall-oportunitajiet fl-ambitu tal-Programm;

- (13) "skular" tfisser persuna rreġistrata f'kapaċità ta' apprendiment f'istituzzjoni li tipprovdi edukazzjoni ġenerali fi kwalunkwe livell, mill-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal sal-edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell, jew persuna li tiġi mgħallma barra minn ambjent istituzzjonali meqjusa mill-awtoritajiet kompetenti bħala eliġibbli biex tipparteċipa fil-Programm bħala skular fit-territorji rispettivi tagħhom;
- (14) "persunal" tfisser persuna li, fuq bażi professjonali jew volontarja, tkun involuta fl-edukazzjoni, fit-taħriġ jew fl-apprendiment mhux formali u informali fil-livelli kollha [...]; din tinkludi persunal akkademiku, għalliema, ħarrieġa, mexxejja tal-iskejjel, persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh, persunal tal-isport, persunal tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, persunal mhux edukattiv u Prattikanti oħra involuti fuq bażi regolari fil-promozzjoni tal-apprendiment;
- (14a) "persunal tal-isport" tfisser persuna involuta fit-tagħlim, it-taħriġ jew il-ġestjoni ta' tim sportiv jew persuni sportivi individwali, jew bi ħlas jew fuq bażi volontarja;
- (15) "pajjiż terz" tfisser pajjiż li mhux Stat Membru;
- (15a) "azzjoni ġdida" tfisser azzjoni li tiġi introdotta għall-ewwel darba u li ma tkunx ġiet implimentata qabel permezz ta' programm ta' ħidma fl-ambitu ta' dan ir-Regolament jew li tiġi introdotta fl-ewwel sena ta' implimentazzjoni ta' dan il-Programm, u li ma tkunx ġiet implimentata qabel permezz ta' programm ta' ħidma fl-ambitu tar-Regolament (UE) 2021/817 jew (UE) 2021/888;
- (15b) "kooperazzjoni virtwali" tfisser kwalunkwe forma ta' kooperazzjoni li tuża għodod diġitali u tat-teknoloġija biex tiffaċilita u tappoġġa kull azzjoni rilevanti tal-Programm;

- (16) "student tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali" tfisser persuna rreġistrata fi programm ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali inizjali jew kontinwu fi kwalunkwe livell, minn livell sekondarju sa livell postsekondarju, jew persuna li tkun gradwat jew kisbet kwalifika reċentement minn tali programm;
- (16a) "inizjattiva taż-żgħażaġh" tfisser attività barra mill-edukazzjoni u t-taħriġ formali mwettqa minn gruppi informali ta' żgħażaġh, organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh jew partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, u kkaratterizzata minn approċċ mhux formali jew informali ta' apprendiment;
- (17) "attività ta' volontarjat tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà" tfisser attività mhux imħallsa li [...] għandha komponent qawwi ta' apprendiment u li tikkontribwixxi għall-kisba tal-ġid komuni, isseħħ għal perjodu limitat u mhijiex sostitut jew ekwivalenti għal traineeship jew impjeg;
- (18) "żgħażaġh" fil-qasam taż-żgħażaġh tfisser individwi ta' bejn it-13 u t-30 sena;
- (19) "persuna li taħdem maż-żgħażaġh" tfisser persuna li, fuq bażi professjonali jew volontarja, tkun involuta fl-apprendiment mhux formali u tappoġġa liż-żgħażaġh fl-iżvilupp soċjoedukattiv u professjonali personali tagħhom u fl-iżvilupp tal-kompetenzi tagħhom; din tinkludi persuni li jippjanaw, imexxu, jikkoordinaw u jimplimentaw attivitajiet fil-qasam taż-żgħażaġh [...];
- (20) "Alleanzi tal-Universitajiet Ewropej" tfisser grupp ta' istituzzjonijiet Ewropej tal-edukazzjoni għolja li daħlu f'kooperazzjoni strutturali tranżnazzjonali fit-tul li hija kkonfermata f'dikjarazzjoni ta' missjoni konġunta, u li joffru għoti konġunt tal-edukazzjoni, bl-għan ta' edukazzjoni ta' kwalità għolja, trasferiment tal-għarfien, livelli għoljin ta' mobbiltà, riċerka u innovazzjoni fejn xieraq, u servizz għas-soċjetà.

**Objettivi tal-Programm**

1. L-objettiv ġenerali tal-Programm huwa li [...] jippromwovi[...] apprendiment tul il-ħajja ta' kwalità għolja, itejjeb il-ħiliet u l-kompetenzi għall-ħajja u għall-impjiegi għal kulħadd, filwaqt li jrawwem il-valuri tal-Unjoni, il-parteciġazzjoni demokratika u soċjetali, is-solidarjetà, l-inklużjoni soċjali u l-opportunitajiet indaqs, fl-[...]Unjoni u lil hinn minnha u b'hekk jikkontribwixxi għal Ewropa reżiljenti, sostenibbli, kompetittiva u koeżiva. Il-Programm għandu jkun strument ewlieni biex [...] tkompli tiġi żviluppata ż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, [...] tiġi appoġġgata l-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni strateġika Ewropea fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż l-aġendi settorjali sottostanti tagħha, u tinbena l-Unjoni tal-Ħiliet.

Il-Programm [...] għandu l-għan li jmexxi 'l quddiem il-kooperazzjoni fil-politika dwar iż-żgħażaġh [...]. L-objettiv huwa li titrawwem Ewropa aktar inklużiva, magħquda u robusta billi tingħata s-setgħa liż-żgħażaġh, tiġi appoġġgata l-ħidma ta' kwalità għolja fost iż-żgħażaġh, jissaħħu r-rabtiet fil-komunità, jiġu promossi ċ-ċittadinanza attiva u s-solidarjetà permezz ta' involviment u kooperazzjoni sinifikattivi u tiġi appoġġgata l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ. [...] B'investiment tiegħu fiż-żgħażaġh [...] u fil-volontarjat, [...] il-Programm għandu l-għan li jibni soċjetajiet aktar b'saħħithom u aktar konnessi, iħeġġeġ l-involviment ċiviku u demokratiku, u jikkontribwixxi għall-koeżjoni soċjali [...].

Il-Programm għandu l-għan li jkompli jiżviluppa d-dimensjoni Ewropea fl-isport. L-isport jaqdi rwol vitali bħala xprun għall-inklużjoni soċjali, is-saħħa, l-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-komunità. Billi jappoġġa l-isport, il-Programm għandu l-għan li jikkontribwixxi għas-soċjetajiet demokratiċi u l-konnettività soċjali fil-livelli kollha, filwaqt li jrawwem il-valuri komuni Ewropej, is-solidarjetà u l-volontarjat permezz tal-kooperazzjoni u l-iskambju ta' prattiki.

2. Il-Programm għandu l-oġġettivi speċifiċi li ġejjin:

- a) jappoġġa l-mobbiltà tal-apprendiment ta' individwi u gruppi, u jippromwovi l-kooperazzjoni, il-kwalità, l-inklużjoni u l-ekwità, il-kreattività u l-innovazzjoni fil-livell tal-organizzazzjonijiet u l-politiki fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ, iż-żgħażaġħ u l-isport;
  
- a) jappoġġa t-titjib tal-[...] għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi f'ambjenti formali, mhux formali u informali b'attenzjoni partikolari għar-rilevanza tagħhom [...] għat-  
tkabbir personali u l-iżvilupp professjonali [...] tal-individwu kif ukoll għas-suq  
tax-xogħol u għall-kontribut tagħhom għall-[...] koeżjoni soċjali, is-sostenibbiltà u  
[...] l-kompetittività tal-Unjoni;
  
- b) irawwem sens ta' identità Ewropea, valuri komuni u ċittadinanza attiva, isaħħaħ is-solidarjetà u l-parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà u d-demokrazija, li jwassal għal impatt pożittiv fuq is-soċjetà, [...] reżiljenza u [...] preparatezza biex jiġu antiċipati, evitati u indirizzati riskji ta' natura differenti;
  
- [...]
  
- d) jinvolti liż-żgħażaġħ u jagħtihom is-setgħa li jiksbu u jiżviluppaw kompetenzi professjonali u personali, li jipparteċipaw b'mod attiv fis-soċjetà u d-demokrazija u jinvolvihom fil-proġett Ewropew;
  
- [...]

- f) jipprovdi liż-żgħażaġh opportunitajiet faċilment aċċessibbli u ta' kwalità għolja biex jagħmlu volontarjat u jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' solidarjetà u umanitarji li jwasslu għal bidliet pożittivi fis-soċjetà fl-Unjoni u lil hinn minnha [...], filwaqt li jtejjeb u jivvalida kif suppost il-kompetenzi tagħhom, kif ukoll jiffaċilita l-involviment kontinwu tagħhom bħala ċittadini attivi;
- g) jippromwovi l-karatteristiċi ewlenin ta' Mudell Ewropew tal-Isport billi jinvesti fl-isport għad-dilettanti, speċjalment l-attivitajiet ta' volontarjat, jiżgura l-aċċessibilità, jippromwovi l-parteċipazzjoni u s-solidarjetà, jipproteġi l-integrità, jappoġġa l-governanza tajba, u jsaħħaħ ir-rwol soċjali, edukattiv u komunitarju tal-isport, permezz ta' azzjonijiet li jiffukaw fuq il-bini ta' sistema sportiva ġusta, inklużiva u sostenibbli fl-Ewropa kollha[...];
- h) irawwem l-eċċellenza u l-kollaborazzjoni transfruntiera, isaħħaħ l-attrazzjoni u l-kompetittività tal-Ewropa fuq livell dinji, fl-oqsma kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ, iż-żgħażaġh u l-isport;
- i) jappoġġa l-iżvilupp tal-politika, inkluż għat-trasparenza u r-rikonoxximent tal-ħiliet u l-kwalifiki, billi jħaffef ir-riformi u l-modernizzazzjoni fil-livell tas-sistemi, fl-oqsma kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ, iż-żgħażaġh u l-isport, filwaqt li jiżgura li dawn ikunu aktar effettivi, reżiljenti u inklużivi.

3. L-objettivi tal-Programm għandhom jinkisbu fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ, iż-żgħażaġh u l-isport permezz tal-pilastri li ġejjin, li prinċipalment għandhom karattru tranżnazzjonali jew internazzjonali:

- a) [...]opportunitajiet ta' apprendiment għal kulħadd;
- b) [...]appoġġ għat-tiżni tal-kapaċitajiet.

## [...] TITOLU II

### AMBITU TAL-INTERVENT

## [...] KAPITOLU I

### OPPORTUNITAJIET TA' APPRENDIMENT GĦAL KULĦADD

#### TAQSIMA 1

#### MOBBILTÀ TAL-APPRENDIMENT U VOLONTARJAT

##### *Artikolu 4*

##### *[...] Edukazzjoni u taħriġ*

1. Fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ, il-Programm għandu jappoġġa:
  - a) [...] il-mobbiltà tal-apprendiment tal-istudenti u l-persunal tal-edukazzjoni għolja;
  - b) [...] il-mobbiltà tal-apprendiment tal-istudenti u l-persunal tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali;
  - c) [...] il-mobbiltà tal-apprendiment tal-iskulari u tal-persunal fl-iskejjel, inkluż il-persunal fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal;
  - d) [...] il-mobbiltà tal-apprendiment tal-istudenti u l-persunal tal-edukazzjoni għall-adulti [...].

[...]

[...]

4. [...] L-azzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 jistgħu jkunu akkumpanjati minn:
- a) appoġġ għat-tagħlim u l-apprendiment dwar [...] l-Unjoni, fosthom l-integrazzjoni, il-valuri u ċ-ċittadinanza Ewropej;
  - b) miżuri bħall-appoġġ lingwistiku, iż-żjarat preparatorji, it-taħriġ u l-apprendiment u l-kooperazzjoni virtwali.

Artikolu 4a

Żgħażaġħ

1. Fil-qasam taż-żgħażaġh, il-Programm għandu jappoġġa:
- a) il-mobbiltà tal-apprendiment taż-żgħażaġh, fosthom l-iskambji taż-żgħażaġh, DiscoverEU, u l-mobbiltà tal-apprendiment tal-persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh;
  - b) inizjattivi taż-żgħażaġh li jappoġġaw il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh u attivitajiet ta' solidarjetà;
  - c) attivitajiet ta' volontarjat tal-"Korp Ewropew ta' Solidarjetà", inkluż il-volontarjat fl-ambitu tal-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja.
2. L-azzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 għandhom ikunu akkumpanjati minn:
- a) appoġġ għat-tagħlim u l-apprendiment dwar l-Unjoni, fosthom l-integrazzjoni, il-valuri u ċ-ċittadinanza Ewropej;
  - b) miżuri bħall-appoġġ lingwistiku, iż-żjarat preparatorji, it-taħriġ u l-apprendiment u l-kooperazzjoni virtwali.

Artikolu 4b

**Sport**

1. Fil-qasam tal-isport, il-Programm għandu jappoġġa l-mobbiltà tal-apprendiment tal-persuni attivi fl-isport għad-dilettanti, inkluż il-persunal tal-isport.
2. L-azzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 għandhom ikunu akkumpanjati minn:
  - a) appoġġ għat-tagħlim u l-apprendiment dwar l-Unjoni, fosthom l-integrazzjoni, il-valuri u ċ-ċittadinanza Ewropej;
  - b) miżuri bħall-appoġġ lingwistiku, iż-żjarat preparatorji, it-taħriġ u l-apprendiment u l-kooperazzjoni virtwali.

**TAQSIMA 2**

**ŻVILUPP TAT-TALENTI U TAL-EĊĊELLENZA**

*Artikolu 5*

***Opportunitajiet ta' żvilupp tat-talenti u tal-eċċellenza fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ***

Fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ, il-Programm għandu jappoġġa:

- a) Opportunitajiet ta' żvilupp tat-talenti u tal-eċċellenza [...] fi programmi ta' studju konġunti jew programmi oħra b'dimensjoni tranżnazzjonali;
- b) il-boroż ta' studju ta' Erasmus Mundus;
- c) l-azzjonijiet Jean Monnet fil-qasam tal-edukazzjoni għolja;

- d) [...] l-istituzzjonijiet Jean Monnet li ġejjin li għandhom għan ta' interess Ewropew: l-Istitut Universitarju Ewropew, Firenze, inkluż l-Iskola tal-Governanza Tranżnazzjonali tiegħu; il-Kulleġġ tal-Ewropa (Bruges, inkluż is-sussidjarja tiegħu f'Tirana, u l-kampusijiet ta' Natolin); l-Istitut Ewropew tal-Amministrazzjoni Pubblika, Maastricht; l-Akkademja tal-Liġi Ewropea, Trier; l-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, Odense; u ċ-Ċentru Internazzjonali għat-Taħriġ Ewropew, Nizza.

## [...] KAPITOLU 2

# APPOĠĠ GĦAT-TISĦIĦ TAL-KAPAĊITAJIET

### *Artikolu 6*

#### *Kooperazzjoni fost l-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet*

1. Fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ, [...]il-Programm għandu jappoġġa:
  - a) [...]sħubijiet għall-kooperazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki, inkluż sħubijiet fuq skala żgħira biex jitrawwem aċċess usa' u aktar inklużiv għall-Programm;
  - b) [...]sħubijiet għall-eċċellenza u l-innovazzjoni, [...]bħall-Alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, iċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali, l-Akkademji Ewropej tal-Għalliema, l-Alleanzi Ewropej tal-Iskejjel [...] u l-programmi ta' studju konġunti [...].
2. Fil-qasam taż-żgħażaġh, il-Programm għandu jappoġġa:
  - a) sħubijiet għall-kooperazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki, inkluż sħubijiet fuq skala żgħira biex jitrawwem aċċess usa' u aktar inklużiv għall-Programm;
  - b) sħubijiet għall-eċċellenza u l-innovazzjoni, bħaż-Żgħażaġħ Ewropej Flimkien.
3. Fil-qasam tal-isport, il-Programm għandu jappoġġa:
  - a) sħubijiet għall-kooperazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki, inkluż sħubijiet fuq skala żgħira biex jitrawwem aċċess usa' u aktar inklużiv għall-Programm;
  - b) sħubijiet għall-eċċellenza u l-innovazzjoni, bħall-Alleanzi Kollaborattivi għall-Isport.

***Appoġġ għall-iżvilupp tal-politika***

Fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ, iż-żgħażaġh u l-isport, [...]il-Programm għandu jappoġġa:

- a) [...]l-esperimentazzjoni, it-tnejjija u l-implimentazzjoni tal-aġendi politiċi tal-Unjoni, inkluż permezz ta' djalogi ta' politika mal-partijiet ikkonċernati u għodod oħra [...]<sup>30</sup>, b'mod partikolari
- i) fir-rigward tal-edukazzjoni u t-taħriġ: il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK) [...], il-Qafas ta' Referenza Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità (EQAVET) [...], ir-Reġistru Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità fl-Edukazzjoni Għolja (EQAR) [...], in-Networks ENIC (Network Ewropew ta' Ċentri ta' Informazzjoni) u NARIC (Ċentri Nazzjonali ta' Informazzjoni dwar ir-Rikonoxximent Akkademiku fl-Unjoni Ewropea), in-network Euroguidance, il-qafas u l-għodod komuni għall-forniment ta' servizzi aħjar għall-ħiliet u l-kwalifiki (Europass), in-Network Eurydice, il-Koordinaturi Nazzjonali għat-Tagħlim tal-Adulti, is-Servizzi ta' Appoġġ Ċentrali u Nazzjonali għall-pjattaformi online, bħall-Pjattaforma Elettronika għat-Tagħlim tal-Adulti (EPALE) u l-eTwinning, iż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja (EHEA), inkluż il-Grupp ta' Segwitu ta' Bolonja (BFUG), u l-Punti ta' Referenza Nazzjonali dwar il-monitoraġġ tal-gradwati [...];
- ii) fir-rigward taż-żgħażaġh: in-network wiki taż-żgħażaġh, in-network Eurodesk, il-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ, il-Youthpass, il-Gruppi ta' Ħidma Nazzjonali li jimplementaw id-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ; u
- iii) fir-rigward tal-isport: il-Korp ta' Koordinazzjoni Nazzjonali li jimplementaw il-Ġimġha Ewropea tal-Isport fil-livell nazzjonali;

---

<sup>30</sup> [...]

- b) L-implimentazzjoni tal-Programm, inkluż is-sinerġiji ma'politiki u programmi oħra tal-Unjoni, u l-appoġġ għalihom, il-pjattaformi online, l-għodod għall-kooperazzjoni virtwali, iċ-ċentri tar-riżorsi u l-għodod biex tiġi ffaċilitata l-mobbiltà tal-apprendiment, inkluż l-attivitajiet ta' taħriġ, ta' networking u ta' kooperazzjoni;
- c) [...]tixrid u komunikazzjoni.

## [...] TITOLU III

# INKLUŻJONI U DIVERSITÀ

### *Artikolu 8*

#### *Miżuri ta' appoġġ għall-inklużjoni u d-diversità*

1. Meta jimplimentaw dan ir-Regolament, il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm għandhom jiżguraw approċċ inklużiv fl-attivitajiet kollha.
2. Il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm għandhom jieħdu[...] miżuri xierqa biex jipromwovu l-inklużjoni, id-diversità u l-ekwità, is-solidarjetà, u l-opportunitajiet indaqs, inkluż l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni, b'mod partikolari biex jiżguraw li fil-Programm jipparteċipaw persuni b'inqas opportunitajiet.
3. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa l-aċċess għall-Programm minn età bikrija u indipendentement mill-ambjent soċjoekonomiku. Biex dan jinkiseb, għandha tiżgura l-forniment ta' miżuri biex jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tal-persuni b'inqas opportunitajiet, inkluż mekkaniżmi ta' appoġġ finanzjarju u prefinanzjament, meta jkun rilevanti.
4. Il-Kummissjoni tista' taġġusta jew tista' tawtorizza lill-aġenziji nazzjonali [...] biex jaġġustaw, abbażi ta' kriterji oġġettivi, il-mekkaniżmi ta' appoġġ finanzjarju għat-titjib tal-aċċess għall-persuni b'inqas opportunitajiet.
5. Il-kostijiet tal-miżuri li jiffaċilitaw jew jappoġġaw il-parteċipazzjoni ta' persuni b'inqas opportunitajiet ma għandhomx jiġġustifikaw ir-rifjut ta' applikazzjoni fl-ambitu tal-Programm.

6. L-aġenziji nazzjonali [...] għandhom jiżviluppaw jew jaġġornaw, meta jkun rilevanti, [...] il-pjanijiet ta' azzjoni għall-inklużjoni u d-diversità [...] u b'attenzjoni partikolari għall-isfidi speċifiċi għall-aċċess għall-programm fil-kuntesti nazzjonali. Il-pjanijiet [...] għall-inklużjoni u d-diversità għandhom jiffurmaw parti integrali mid-dokumenti tal-ippjanar tal-aġenziji nazzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 19(2).
7. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja fuq bażi regolari l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' inklużjoni u diversità, inkluż il-pjanijiet [...] għall-inklużjoni u d-diversità.

## **[...] TITOLU IV**

### **DISPOŻIZZJONIJIET FINANZJARJI**

#### *[Artikolu 9*

#### ***Baġit***

1. Il-pakkett finanzjarju indikattiv għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu 2028-2034 huwa stabbilit għal EUR 40 827 000 000 fil-prezzijiet attwali.
2. Apparti l-ammonti stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, u sabiex tiġi promossa d-dimensjoni internazzjonali tal-Programm, għandha ssir disponibbli kontribuzzjoni finanzjarja addizzjonali mir-Regolament (UE) [XXX]\* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Ewropa Globali] biex tappoġġa l-azzjonijiet implimentati u ġestiti f'konformità ma' dan ir-Regolament. Tali kontribuzzjoni għandha ssir f'konformità ma' dokument uniku ta' programmazzjoni mfassal skont ir-Regolament (UE) XXX [Ewropa Globali].

3. L-appropriazzjonijiet jistgħu jiddaħħlu fil-baġit tal-Unjoni minn wara l-2034 biex ikopru l-ispejjeż meħtieġa u biex jippermettu l-ġestjoni tal-azzjonijiet li ma jkunux tlestew sa tmiem il-Programm.
4. Il-pakkett finanzjarju msemmi fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu u l-ammonti tar-riżorsi addizzjonali msemmija fl-Artikolu 10 jistgħu jintużaw ukoll għal assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Programm, bħal pereżempju attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditjar u ta' evalwazzjoni, sistemi u pjattaformi speċifiċi u korporattivi tat-teknoloġija tal-informazzjoni, attivitajiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni, inkluż komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, u kull assistenza teknika u amministrattiva oħra jew spejjeż relatati mal-persunal imġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-Programm. ]

**Riżorsi addizzjonali**

1. L-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni, il-pajjiżi terzi, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, jew partijiet terzi oħra, jistgħu jagħmlu kontribuzzjonijiet finanzjarji jew mhux finanzjarji addizzjonali għall-Programm. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2), il-punt[...] (a), (d)[...] jew (e) jew l-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.
2. Riżorsi allokatil lill-Istati Membri taħt ġestjoni kondiviża jistgħu, fuq talba tagħhom, jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Programm. Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawk ir-riżorsi direttament jew indirettament f'konformità mal-Artikolu 62(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a) jew (c), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Dawn għandhom jiżdiedu mal-ammont imsemmi fl-Artikolu 9(1) ta' dan ir-Regolament. Dawk ir-riżorsi għandhom jintużaw għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat. Jekk il-Kummissjoni ma tkunx daħlet f'impenn legali taħt ġestjoni diretta jew indiretta għal ammonti addizzjonali magħmula disponibbli b'dan il-mod għall-Programm, l-ammonti mhux impenjati korrispondenti jistgħu, fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat, jiġu ttrasferiti lura għal programm sors rispettiv wieħed jew aktar jew għas-suċċessuri tagħhom.

***Finanzjament alternattiv, ikkombinat u kumulattiv***

1. Il-Programm għandu jiġi implimentat f'sinerġija ma' programmi oħra tal-Unjoni. Azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni tal-Unjoni minn programm ieħor tista' tirċievi wkoll kontribuzzjoni fl-ambitu tal-Programm. Ir-regoli tal-programm rilevanti tal-Unjoni għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni korrispondenti, jew inkella jista' jiġi applikat sett uniku ta' regoli għall-kontribuzzjonijiet kollha u jista' jiġi konkluż impenn legali wieħed. Jekk il-kontribuzzjoni tal-Unjoni tkun ibbażata fuq il-kostijiet eliġibbli, l-appoġġ kumulattiv mill-baġit tal-Unjoni ma għandux jaqbeż it-total tal-kostijiet eliġibbli tal-azzjoni u jista' jiġi kkalkulat fuq bażi pro rata f'konformità mad-dokumenti li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-appoġġ.
2. Il-proċeduri ta' aġġudikazzjoni fl-ambitu tal-Programm jistgħu jitwettqu b'mod konġunt taħt ġestjoni diretta jew indiretta mal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni, il-pajjiżi terzi, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, jew ma' partijiet terzi oħra ("sħab tal-proċedura ta' aġġudikazzjoni konġunta"), dment li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Tali proċeduri għandhom ikunu soġġetti għal sett uniku ta' regoli u jwasslu għall-konklużjoni ta' impenn legali uniku. Għal dak l-għan, is-sħab għall-proċedura ta' aġġudikazzjoni konġunta jistgħu jagħmlu r-riżorsi disponibbli għall-Programm f'konformità mal-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament, jew is-sħab jistgħu jiġu fdati bl-implimentazzjoni tal-proċedura ta' aġġudikazzjoni, meta applikabbli, f'konformità mal-Artikolu 62(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Fi proċeduri ta' aġġudikazzjoni konġunti, ir-rappreżentanti tas-sħab għall-proċedura ta' aġġudikazzjoni konġunta jistgħu jkunu wkoll membri tal-kumitat tal-evalwazzjoni msemmi fl-Artikolu 153(3) tar-Regolament (UE, E[...]uratom) 2024/2509.

***Implimentazzjoni u forum ta' finanzjament tal-Unjoni***

1. Il-Programm għandu jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, taħt ġestjoni diretta jew ġestjoni indiretta mal-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 62(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c), ta' dak ir-Regolament.
2. Il-fondi implimentati taħt ġestjoni indiretta fi Stat Membru għandhom jiġu allokati abbażi ta' dan li ġej:
  - a) il-popolazzjoni u l-għoli tal-ħajja tal-Istat Membru kkonċernat;
  - b) id-distanza bejn il-bliet kapitali tal-Istati Membri;
  - c) il-prestazzjoni, ikkalkulata abbażi tal-aktar data reċenti disponibbli.
3. Il-Kummissjoni għandha tkompli tispeċifika daww il-kriterji u l-formuli sottostanti tagħhom fil-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 15. Daww il-formuli għandhom jevitaw tnaqqis sostanzjali fil-baġit annwali allokati lill-Istati Membri minn sena għall-oħra u għandhom jimminimizzaw żbilanċi eċċessivi fil-livell tal-fondi allokati.
4. Il-finanzjament tal-Unjoni jista' jingħata fi kwalunkwe forma f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, b'mod partikolari għotjiet, premjijiet, akkwist, u donazzjonijiet mhux finanzjarji.

5. Meta l-finanzjament tal-Unjoni jingħata fil-forma ta' għotja, il-finanzjament għandu jingħata bħala finanzjament mhux marbut mal-kostijiet jew, meta jkun meħtieġ, opzjonijiet ta' kostijiet issimplifikati, f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Il-finanzjament jista' jingħata fil-forma ta' rimborż reali tal-kost eliġibbli, meta l-oġġettivi ta' azzjoni ma jkunux jistgħu jinkisbu mod ieħor biss.
6. Għall-fini tal-Artikolu 153(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-kumitat tal-evalwazzjoni jista' jkun magħmul parzjalment jew kompletament minn esperti esterni indipendenti.
7. L-entitajiet legali pubbliċi, u l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ, iż-żgħażaġħ u l-isport li rċevew aktar minn 50 % tad-dħul annwali tagħhom minn sorsi pubbliċi li mhumiex għotjiet tal-Unjoni matul dawn l-aħħar sentejn, għandhom jitqiesu li għandhom il-kapaċità finanzjarja u operazzjonali meħtieġa biex iwettqu attivitajiet fl-ambitu tal-Programm. Ma għandhomx għalfejn jippreżentaw aktar dokumentazzjoni biex juru dik il-kapaċità.

## [...] TITOLU V

### PARTEĊIPAZZJONI FIL-PROGRAMM

#### *Artikolu 13*

##### *Pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm*

1. Il-Programm jista' jinfetaħ għall-partekipazzjoni tal-pajjiżi terzi li ġejjin permezz ta' assoċjazzjoni sħiħa jew parzjali mal-Programm, f'konformità mal-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 [...] u applikabbli għal:
  - a) membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif ukoll mikrostatu Ewropej (Andorra, Monaco, San Marino u l-Belt tal-Vatikan), f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-ftehimiet rilevanti;
  - b) il-pajjiżi aderenti, il-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali, f'konformità mal-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-partekipazzjoni ta' dawk il-pajjiżi fil-programmi tal-Unjoni stabbiliti fil-ftehimiet qafas, fil-protokollu u fid-deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni rispettivi jew fi ftehimiet simili u f'konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fi ftehimiet bejn l-Unjoni u dawk il-pajjiżi;

- c) il-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, f'konformità mal-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' daww il-pajjiżi fil-programmi tal-Unjoni stabbiliti fil-ftehimiet qafas, il-protokollu u d-deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni rispettivi jew fi ftehimiet simili u f'konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fi ftehimiet bejn l-Unjoni u daww il-pajjiżi;
  - d) pajjiżi terzi oħra, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fi ftehim internazzjonali speċifiku li jkopri l-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terz fi kwalunkwe programm tal-Unjoni.
2. Il-ftehimiet [...] għall-parteċipazzjoni fil-Programm imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom:
- a) jiżguraw bilanċ ġust fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet u l-benefiċċji tal-pajjiż terz [...] assoċjat mal-Programm;
  - b) jistabilixxu l-kundizzjonijiet [...] tal-assoċjazzjoni mal-[...]Programm[...], inkluż il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji, li jikkonsistu minn kontribuzzjoni operazzjonali u tariffa ta' parteċipazzjoni, [...] għall-[...]Programm u l-kostijiet amministrattivi ġenerali tiegħu;
  - c) ma għandhomx jagħtu lill-pajjiż terz xi setgħa ta' teħid tad-deċiżjonijiet fil-Programm;
  - d) għandhom jiggwarantixxu d-drittijiet tal-Unjoni li tiżgura ġestjoni finanzjarja tajba u li tħares l-interessi finanzjarji tagħha;
  - e) għandhom, meta jkun rilevanti, jiżguraw l-interessi relatati mal-ħarsien tas-sigurtà u tal-ordni pubbliku tal-Unjoni.
3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-punt (d), ta' dan l-Artikolu, il-pajjiż terz għandu jagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa skont ir-Regolamenti (UE, Euratom) 2024/2509 u (UE, Euratom) Nru 883/2013, u jiggarrantixxi li [...] d-deċiżjonijiet li jimponu obbligu pekunarju fuq persuni għajr Stati skont it-tifsira [...] tal-Artikolu 299 TFUE, kif ukoll is-sentenzi u l-ordnijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ikunu infurzabbli.

4. Il-pajjiżi terzi li pparteċipaw f'xi wieħed mill- programmi preċedenti skont ir-Regolamenti (UE) 2021/817, (UE) 2021/888, (UE) Nru 1288/2013 jew (UE) 2018/1475, u li stabbilew aġenzija nazzjonali matul xi wieħed mill-perjodi ta' programmazzjoni rilevanti ma għandhomx jitqiesu għal assoċjazzjoni parzjali mal-Programm.

L-assoċjazzjoni parzjali mal-Programm għandha tikkonforma ma' dan li ġej:

- a) għal pajjiżi terzi skont il-paragrafu 1, il-punt (b), il-ftehimiet għandhom fil-prinċipju jimmiraw għal assoċjazzjoni sħiħa tal-pajjiżi aderenti, il-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali. Il-ftehimiet jistgħu jipprevedu fażi ta' assoċjazzjoni parzjali biss bħala pass ta' tranżizzjoni għal dawk il-pajjiżi terzi li għadhom mhumiex lesti operazzjonalment għal assoċjazzjoni sħiħa;
- b) għal pajjiżi terzi skont il-paragrafu 1, il-punti (c) u (d) mingħajr ebda prospett ta' assoċjazzjoni sħiħa, il-ftehimiet jistgħu jimmiraw għal assoċjazzjoni parzjali dment li tali assoċjazzjoni parzjali tkun fl-interess tal-Unjoni;
- c) pajjiżi terzi soġġetti għal assoċjazzjoni parzjali mal-Programm jirrispettaw il-valuri tal-Unjoni;
- d) il-ftehimiet jużaw mudell uniku ta' assoċjazzjoni parzjali mal-Programm identiku għall-pajjiżi terzi kollha msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b) u dawk imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti (c) u (d).
5. Il-Kummissjoni għandha, fuq bażi annwali, tipprovdi lill-Kumitat tal-Programm, informazzjoni dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji minn pajjiżi terzi li jipparteċipaw fil-Programm permezz ta' assoċjazzjoni sħiħa jew parzjali u l-allokkazzjonijiet tagħhom għall-azzjonijiet differenti tagħha.

## Artikolu 14

### **Eliġibbiltà**

1. Għandhom jiġu stabbiliti kriterji ta' eliġibbiltà biex jappoġġaw il-ksib tal-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.
2. Fil-proċeduri ta' aġġudikazzjoni taħt ġestjoni diretta u indiretta, waħda jew iktar mill-entitajiet legali li ġejjin jistgħu jkunu eliġibbli biex jirċievu finanzjament tal-Unjoni:
  - a) l-entitajiet stabbiliti fi Stat Membru;
  - b) l-entitajiet stabbiliti [...] f'pajjiż terz assoċjati mal-Programm;
  - c) l-organizzazzjonijiet internazzjonali;
  - d) entitajiet oħra stabbiliti [...] f'pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm fejn il-finanzjament ta' tali entitajiet huwa essenzjali għall-implimentazzjoni tal-azzjoni u jikkontribwixxi għall-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3.
3. Minbarra l-Artikolu 168(2) u (3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, [...] il-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm imsemmija fl-Artikolu 13(1) ta' dan ir-Regolament jistgħu, meta jkun rilevanti, jipparteċipaw fi kwalunkwe mekkaniżmu tal-akkwist stabbilit fl-Artikolu 168(2) u (3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u jibbenefikaw minnu. Ir-regoli applikabbli għall-Istati Membri għandhom jiġu applikati, mutatis mutandis, [...] għall-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm.

4. Il-proċeduri ta' aġġudikazzjoni li jaffettwaw is-sigurtà jew l-ordni pubbliku, b'mod partikolari fir-rigward tal-assi u tal-interessi strateġiċi tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha, għandhom ikunu ristretti f'konformità mal-Artikolu 136 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.
5. Il-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 jew id-dokumenti relatati mal-proċedura ta' aġġudikazzjoni jistgħu jkomplu jispeċifikaw il-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti f'dan ir-Regolament jew jistabbilixxu kriterji ta' eliġibbiltà addizzjonali għal azzjonijiet speċifiċi.

#### Artikolu 14a

#### Arranġamenti għall-iffaċilitar tal-partekipazzjoni fil-Programm

L-Istati Membri u l-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa u xierqa biex jitneħħa kwalunkwe ostaklu legali u amministrattiv għall-funzjonament tajjeb tal-Programm, inkluż, meta possibbli, miżuri mmirati biex isolvu kwistjonijiet li jwasslu għal diffikultajiet fil-kisba ta' viżi jew permessi ta' residenza.

## [...] TITOLU VI

### PROGRAMMAZZJONI

#### *Artikolu 15*

#### ***Programm ta' ħidma***

1. Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz tal-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.
2. Għall-finijiet tal-inklużjoni inizjali tagħhom, l-azzjonijiet ġodda taħt ġestjoni diretta għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni fi programm ta' ħidma distint ("il-programm ta' ħidma tal-azzjoni l-ġdida"). Il-programm ta' ħidma tal-azzjoni l-ġdida għandu jkun speċifiku u kompletament separat mill-programm ta' ħidma li jimplimenta l-azzjonijiet li mhumiex azzjonijiet ġodda ("il-programm ta' ħidma regolari"). L-azzjonijiet il-ġodda għandhom jiġu proposti abbażi tal-kriterji li ġejjin:
  - a) l-allinjament mal-oġettivi tal-Programm;
  - b) l-allinjament mal-prijoritajiet relatati mal-Programm stipulati fl-istrumenti rilevanti tal-Kunsill;
  - c) il-valur miżjud Ewropew;
  - d) l-impatt baġitarju fuq l-azzjonijiet l-oħra tal-Programm.

3. Għall-ewwel implimentazzjoni tagħhom permezz ta' programm ta' ħidma skont dan ir-Regolament, l-opportunitajiet ta' żvilupp tat-talenti u tal-eċċellenza kif imsemmija fl-Artikolu 5, il-punt (a), għandhom jitqiesu bħala azzjonijiet ġodda, indipendentement mill-mod ta' ġestjoni tagħhom u għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni fi programm ta' ħidma tal-azzjoni l-ġdida awtonomu. Qabel il-preżentazzjoni tal-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni lill-Kumitat tal-Programm, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa l-programm ta' ħidma tal-azzjoni l-ġdida fir-rigward tal-opportunitajiet ta' żvilupp tat-talenti u tal-eċċellenza f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kumitat tal-Programm. Il-Kumitat tal-Programm għandu jipprovdi kontribut dwar id-direzzjoni operazzjonali ta' tali azzjoni ġdida u l-modalitajiet tal-implimentazzjoni tagħha.
4. Il-finanzjament sussegwenti tal-azzjonijiet il-ġodda wara l-implimentazzjoni inizjali tagħhom taħt programm ta' ħidma tal-azzjoni l-ġdida għandu jkun soġġett għal valutazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni li tanalizza fost l-oħrajn sa liema punt dawn l-azzjonijiet jissodisfaw l-oġettivi tal-Programm u l-kriterji msemmija fil-paragrafu 2.
5. L-implimentazzjoni tal-azzjonijiet li ma għadhomx azzjonijiet ġodda għandha sseħħ permezz tal-programm ta' ħidma regolari.
6. Fir-rigward tal-opportunitajiet ta' żvilupp tat-talenti u tal-eċċellenza, il-Kummissjoni għandha tippreżenta r-riżultati tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 lill-Kunsill. Qabel l-inklużjoni tal-azzjoni fil-programm ta' ħidma regolari, il-Kummissjoni għandha tiegħu kont sħiħ tal-fehmiet espressi fil-Kunsill.

7. Il-programmi ta' ħidma għandhom jistabbilixxu fid-dettall, kif applikabbli:
- a) l-ammont indikattiv allokat għal kull azzjoni;
  - b) l-ammont indikattiv allokat għal kull settur;
  - c) id-distribuzzjoni tal-fondi bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm għall-azzjonijiet li għandhom jiġu ġestiti mill-aġenzija nazzjonali;
  - d) għall-azzjonijiet ġodda li għandhom jiġu inklużi fil-programm ta' ħidma tal-azzjoni l-għdida, it-turiġa ta' konformità mal-kriterji msemmija fil-paragrafu 2;
  - e) għall-azzjonijiet ġodda li għandhom jiġu inklużi fil-programm ta' ħidma regolari, l-eżitu tal-valutazzjoni li tanalizza fost l-oħrajn sa liema punt dawn l-azzjonijiet ġodda jissodisfaw l-oġettivi tal-Programm u l-kriterji msemmija fil-paragrafu 2.
8. Kull programm ta' ħidma għandu jiġi adottat mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22a.
9. Fejn il-Kumitat ma jagħti ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozzi tal-atti ta' implimentazzjoni msemmija f'dan l-Artikolu u għandu japplika l-Artikolu 5(4), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

## [...] TITOLU VII

### KOMUNIKAZZJONI U TIXRID

#### *Artikolu 16*

#### *Informazzjoni, komunikazzjoni u tixrid*

1. F'kooperazzjoni mal-Kummissjoni u mal-awtoritajiet nazzjonali, l-aġenziji nazzjonali [...] għandhom jiżviluppaw strateġija ta' komunikazzjoni konsistenti fir-rigward tal-ilħuq tan-nies effettiv u tat-tixrid u l-isfruttament tar-risultati tal-attivitajiet appoġġati fl-ambitu tal-azzjonijiet li jiġġestixxu fil-Programm. [...]
2. L-aġenziji nazzjonali [...] għandhom jassistu lill-Kummissjoni fil-kompitu ġenerali tagħha li xxerred informazzjoni dwar il-Programm, inkluż informazzjoni fir-rigward tal-azzjonijiet u l-attivitajiet ġestiti fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni, u r-risultati tiegħu. L-aġenziji nazzjonali għandhom jinfurmaw lill-gruppi fil-mira rilevanti dwar l-azzjonijiet u l-attivitajiet imwettqa fil-pajjiżi rispettivi tagħhom.
3. [L-azzjonijiet u l-attivitajiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu implimentati f'konformità mar-Regolament (UE) [XXX]\* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Prestazzjoni] li jistabbilixxi r-regoli għat-traċċar tan-nefqa u l-qafas tal-prestazzjoni għall-baġit, inkluż ir-regoli applikabbli għall-programmi kollha tal-Unjoni rigward l-obbligi relatati mal-informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-viżibbiltà, b'mod partikolari l-obbligi tal-benefiċjarji u s-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni.]

## [...] TITOLU VIII

### SISTEMA TA' ĠESTJONI U TA' AWDITJAR

#### *Artikolu 17*

##### *Arranġamenti għal ġestjoni indiretta fil-livell nazzjonali*

1. F'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 157(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, l-implimentazzjoni tal-Programm taħt ġestjoni indiretta tirrikjedi l-ħatra ta' awtorità nazzjonali u ta' aġenzija nazzjonali, kif speċifikat fl-Artikoli 18 u 19.
2. L-awtorità nazzjonali [...] taġixxi bħala korp ta' ġestjoni indiretta skont [...] l-Artikolu 62(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c)(v), [...] tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 [...] fil-kuntest tal-monitoraġġ, il-kontroll u l-awditjar tal-aġenzija nazzjonali u żżomm [...] ir-responsabbiltà prinċipali lejn il-Kummissjoni għall-implimentazzjoni ġenerali tal-fondi [...]tal-Unjoni mill-aġenzija nazzjonali [...].
3. L-aġenzija nazzjonali taġixxi bħala korp ta' ġestjoni indiretta skont l-Artikolu 62(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c)(v) jew (vi), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u hija responsabbli għall-kompiti kollha ta' implimentazzjoni tal-baġit kif speċifikat fil-ftehim ta' kontribuzzjoni mal-Kummissjoni.

*Awtorità nazzjonali*

1. L-Istati Membri u [...] l-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm għandhom jaħtru korp tal-liġi pubblika bħala awtorità nazzjonali għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. Jistgħu jaħtru aktar minn awtorità nazzjonali waħda. Huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, permezz tar-Rappreżentanza Permanenti jew il-Missjoni tagħhom għall-Unjoni Ewropea, dwar [...] l-awtoritajiet [...] nazzjonali tagħhom [...] u [...] l-persuni legalment awtorizzati li jaġixxu [...] fisem dawk l-awtoritajiet nazzjonali.
2. L-awtorità nazzjonali għandha taħtar aġenzija nazzjonali għat-tul tal-Programm u tinnotifika lill-Kummissjoni dwar dan. L-awtorità nazzjonali ma għandhiex taħtar ministeru bħala aġenzija nazzjonali [...]. L-awtorità nazzjonali tista' taħtar aktar minn aġenzija nazzjonali waħda. F'każijiet fejn ikun hemm aktar minn aġenzija nazzjonali waħda, l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm għandhom jistabbilixxu mekkaniżmu xieraq biex jikkoordinaw l-implimentazzjoni tal-Programm fil-livell nazzjonali.
3. L-awtorità nazzjonali għandha taħtar korp tal-awditjar indipendenti kif imsemmi fl-Artikolu 21.

4. L-awtorità nazzjonali għandha ttiprovdi lill-Kummissjoni valutazzjoni ex ante xierqa li l-aġenzija nazzjonali tissodisfa r-rekwiżiti minimi stabbiliti fl-Artikolu 157(1) sa (5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u r-rekwiżiti tal-Unjoni għall-istandards ta' kontroll intern għall-aġenziji nazzjonali u r-regoli għall-ġestjoni tal-fondi tal-Programm.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, għandhom japplikaw l-arranġamenti li ġejjin:

- a) għall-proċeduri speċifikament meħtieġa mill-Kummissjoni, inkluż il-proċeduri tagħha stess u dawk speċifikati f'dan ir-Regolament, ma għandha ssir l-ebda valutazzjoni ex ante f'konformità mal-~~[...]Artikolu 157(7), il-punt (b),~~ tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509;
  - b) għal proċeduri għajr dawk speċifikati fil-punt (a), l-awtorità nazzjonali għandha tagħmel valutazzjoni ex ante, li għandha tkun ibbażata fuq il-kontrolli u l-awditi tagħha stess jew fuq il-kontrolli u l-awditi mwettqa mill-korp tal-awditjar indipendenti;
  - c) meta l-aġenzija nazzjonali maħtura għall-Programm tkun l-istess bħall-aġenzija nazzjonali maħtura f'konformità mar-Regolamenti (UE) 2021/817 u (UE) 2021/888, l-ambitu tal-valutazzjoni ex ante għandu jkun limitat għar-rekwiżiti li huma ġodda, sakemm ma jkunx iġġustifikat mod ieħor.
5. Fil-każ li l-Kummissjoni tirrifjuta l-ħatra tal-aġenzija nazzjonali abbażi tal-evalwazzjoni tagħha tal-valutazzjoni ex ante, jew jekk l-aġenzija nazzjonali ma tikkonformax mar-rekwiżiti minimi stabbiliti mill-Kummissjoni, l-awtorità nazzjonali għandha tiżgura li jittieħdu l-passi ta' rimedju meħtieġa biex tiġi żgurata l-konformità, soġġett għall-approvazzjoni mill-Kummissjoni, jew għandha taħtar korp ieħor bħala aġenzija nazzjonali. F'każijiet eċċezzjonali fejn aġenzija nazzjonali ma tibqax topera jew teżisti u l-awtorità nazzjonali nnifisha twettaq il-kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit f'konformità ma' dan ir-Regolament u l-ftehimiet rilevanti tiegħu, hija għandha tiġi eżentata mill-valutazzjoni ex ante.

6. L-awtorità nazzjonali għandha tipprovdi kofinanzjament adegwat [...] għall-operazzjonijiet tal-aġenzija nazzjonali tagħha biex tiżgura li l-Programm jiġi ġestit f'konformità mar-regoli applikabbli tal-Unjoni.
7. L-awtorità nazzjonali għandha tiżgura li l-ħatriet ta' persuni responsabbli għall-ġestjoni tal-aġenzija nazzjonali jkunu ġġustifikati min-natura tal-azzjoni, isegwu regoli u proċeduri ġusti u trasparenti u ma jwasslux għal kunflitt ta' interess. [...]
8. L-awtorità nazzjonali għandha timmonitorja u tissorvelja l-kompiti tal-implimentazzjoni tal-baġit f'dati lill-aġenzija nazzjonali tagħha. Hija għandha tinforma u tikkonsulta lill-Kummissjoni fi żmien xieraq qabel ma tiegħu kwalunkwe deċiżjoni li jista' jkollha impatt sinifikanti fuq il-ġestjoni tal-Programm u tal-fondi tal-Programm.
9. Kull sena, l-awtorità nazzjonali għandha tipprovdi lill-Kummissjoni rapport dwar l-attivitajiet tagħha ta' monitoraġġ u superviżjoni u, fejn xieraq, dikjarazzjoni dwar is-segwitu tagħha għal kwalunkwe osservazzjoni maħruġa mill-Kummissjoni b'reazzjoni għal tali rapport.
10. L-awtorità nazzjonali għandha tiegħu u żżomm ir-responsabbiltà għall-ġestjoni tajba tal-fondi tal-Unjoni ttrasferiti mill-Kummissjoni lill-aġenzija nazzjonali fil-qafas tal-Programm.

11. Fil-każ ta' kwalunkwe irregolarità, negliġenza jew frodi attribwibbli lill-aġenzija nazzjonali, jew ta' nuqqasijiet serji, obbligazzjonijiet jew prestazzjoni aġġar minn dik mistennija min-naħa tal-aġenzija nazzjonali, fejn kwalunkwe wieħed minn dawn il-każijiet jagħti lok għal pretensjonijiet mill-Kummissjoni kontra l-aġenzija nazzjonali, l-awtorità nazzjonali għandha tirrimborża [...] lill-Kummissjoni għal tali pretensjonijiet.
12. Fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 11, l-awtorità nazzjonali tista', fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-Kummissjoni, tirrevoka l-mandat tal-aġenzija nazzjonali. Meta l-awtorità nazzjonali tkun tixtieq tirrevoka dak il-mandat għal kwalunkwe raġuni ġustifikata oħra, hija għandha tinnotifika lill-Kummissjoni fi żmien raġonevoli qabel id-data prevista ta' tmiem il-mandat. F'każijiet bħal dawn, l-awtorità nazzjonali u l-Kummissjoni għandhom jaqblu formalment dwar miżuri ta' tranżizzjoni speċifiċi u limitati fiż-żmien.
13. Fil-każ ta' revoka kif imsemmi fil-paragrafu 12, l-awtorità nazzjonali għandha twettaq il-kontrolli meħtieġa rigward il-fondi tal-Unjoni fdati lill-aġenzija nazzjonali li l-mandat tagħha jkun ġie revokat u għandha tiżgura li dawk il-fondi u d-dokumenti u l-ġħodod ta' ġestjoni kollha meħtieġa għall-ġestjoni tal-Programm jiġu ttrasferiti lill-aġenzija nazzjonali l-ġdida bla tfixkil. L-awtorità nazzjonali għandha tipprovdi lill-aġenzija nazzjonali li l-mandat tagħha jkun ġie revokat, l-appoġġ finanzjarju meħtieġ biex tkompli tissodisfa l-obbligi kuntrattwali tagħha fil-konfront tal-benefiċjarji tal-Programm u tal-Kummissjoni sakemm isir it-trasferiment ta' dawk l-obbligi lil aġenzija nazzjonali ġdida. Jekk ikun hemm perjodu tranżizzjonali bejn ir-revoka ta' dan il-mandat u l-ħatra ta' aġenzija nazzjonali ġdida kif aċċettat mill-Kummissjoni, l-awtorità nazzjonali għandha, matul tali perjodu, tkun responsabbli għall-obbligi kollha tal-aġenzija nazzjonali kif stabbilit f'dan ir-Regolament u għall-obbligi kuntrattwali pendenti kollha tagħha fil-konfront tal-benefiċjarji tal-Programm u l-Kummissjoni.

14. Meta aġenzija nazzjonali ma tibqax topera jew teżisti u l-ebda aġenzija nazzjonali ġdida ma tinħatar bħala riżultat tal-ħruġ ta' pajjiż terz mill-Programm, l-awtorità nazzjonali għandha tkun prinċipalment responsabbli għall-obbligi kollha tal-aġenzija nazzjonali u għat-twettiq u l-għeluq tal-obbligi kuntrattwali pendenti kollha fil-konfront tal-benefiċjarji tal-Programm u tal-Kummissjoni.
15. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-awtorità nazzjonali għandha taħtar l-istituzzjonijiet jew l-organizzazzjonijiet, jew it-tipi ta' tali istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet eliġibbli li jipparteċipaw f'azzjoni tal-Programm fit-territorju tagħha.
16. L-awtorità nazzjonali, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, għandha tikkontribwixxi għall-promo[...]zzjoni u l-faċilita[...]zzjoni ta' sinerġiji u komplementarjetajiet effettivi ma' fondi jew programmi reġjonali, nazzjonali jew tal-Unjoni oħra.

[...]

***Aġenzija nazzjonali***

1. L-aġenzija nazzjonali:
  - a) għandha tkun korp skont it-tifsira tal-Artikolu 62(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c)[...](v) jew (vi)<sub>2</sub> tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u tkun irregolata mid-dritt tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz assoċjat mal-Programm ikkonċernat;
  - b) għandu jkollha l-kapaċità ta' ġestjoni, il-persunal u l-infrastrutturi adegwati biex tissodisfa l-kompiti tagħha b'mod sodisfaċenti, filwaqt li tiżgura ġestjoni effiċjenti u effettiva tal-Programm u ġestjoni finanzjarja tajba tal-fondi tal-Unjoni;
  - c) għandu jkollha l-mezzi operazzjonali u legali biex tapplika r-regoli amministrattivi, kuntrattwali u ta' ġestjoni finanzjarja stabbiliti fil-livell tal-Unjoni;
  - d) għandu jkollha l-għarfien espert meħtieġ biex timplimenta b'mod effettiv l-azzjonijiet fis-setturi kollha tal-Programm li għalihom tirċievi kontribuzzjoni tal-Unjoni;
  - e) għandha toffri, jekk ikun meħtieġ mill-Kummissjoni, garanziji finanzjarji adegwati, preferibbilment maħruġa minn awtorità pubblika, li jikkorrispondu għal-livell ta' fondi tal-Unjoni li hi mitluba tiġġestixxi.
2. L-aġenzija nazzjonali għandha tippjana b'mod adegwat il-kompiti tagħha għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet rilevanti kif stabbilit fil-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 15 u l-ftehimiet rilevanti mal-Kummissjoni, kif ukoll għall-attivitajiet ta' informazzjoni, komunikazzjoni u tixrid imsemmija fl-Artikolu 16(2).

3. L-aġenzija nazzjonali għandha tiġġestixxi l-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tal-proġett tal-azzjonijiet tal-Programm taħt ir-responsabbiltà tagħha f'konformità mal-Artikolu 62(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u l-ftehimiet rilevanti mal-Kummissjoni.
4. L-aġenzija nazzjonali għandha toħroġ appoġġ għall-għotja lill-benefiċjarji skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punt (5), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 permezz ta' ftehimiet ta' għotja kif speċifikat mill-Kummissjoni għall-azzjoni tal-Programm ikkonċernata.
5. L-aġenzija nazzjonali ma għandhiex, mingħajr awtorizzazzjoni bil-miktub minn qabel mill-awtorità nazzjonali u mill-Kummissjoni, tiddelega kwalunkwe kompiju relatat mal-Programm jew mal-implimentazzjoni tal-baġit mogħti lilha lil parti terza. L-aġenzija nazzjonali għandha żżomm ir-responsabbiltà unika għal kwalunkwe kompiju delegati lil parti terza.
6. Kull sena, l-aġenzija nazzjonali għandha tipprovdi lill-awtorità nazzjonali tagħha u lill-Kummissjoni dikjarazzjoni ta' ġestjoni, rapport u kwalunkwe dokument ieħor kif meħtieġ f'konformità mal-Artikolu 158 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.
7. L-aġenzija nazzjonali għandha timplimenta, fi żmien xieraq, l-osservazzjonijiet maħruġa mill-Kummissjoni wara l-analiżi tagħha tad-dikjarazzjoni u r-rapport ta' ġestjoni annwali u tal-opinjoni tal-awditjar indipendenti dwarhom.

**Kummissjoni Ewropea**

1. Abbażi tar-rekwiżiti ta' konformità għall-aġenziji nazzjonali msemmija fl-Artikolu 18(4), il-Kummissjoni għandha tirrieżamina s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll nazzjonali, billi tuża b'mod partikolari l-valutazzjoni ex ante pprovduta mill-awtorità nazzjonali, id-dikjarazzjoni ta' ġestjoni annwali tal-aġenzija nazzjonali u l-opinjoni tal-korp tal-awditjar indipendenti dwarha, u r-rapport annwali tal-awtorità nazzjonali msemmi fl-Artikolu 18(9).
2. Abbażi tal-valutazzjoni ex ante msemmija fl-Artikolu 18(4), il-Kummissjoni għandha taċċetta, b'mod kundizzjonali jew tirrifjuta l-ħatra tal-aġenzija nazzjonali f'perjodu ta' żmien xieraq li għandu jiġi miftiehem bejn il-Kummissjoni u l-awtorità nazzjonali. Il-Kummissjoni ma għandhiex tidħol f'relazzjoni kuntrattwali mal-aġenzija nazzjonali qabel ma tkun aċċettat il-valutazzjoni ex ante bħala sodisfaċenti jew tkun ħadet miżuri superviżorji xierqa f'konformità mal-Artikolu 157(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Fil-każ ta' aċċettazzjoni kundizzjonali, il-Kummissjoni tista' tapplika miżuri proporzjonati ta' prekawżjoni għar-relazzjoni kuntrattwali tagħha mal-aġenzija nazzjonali. Meta l-aġenzija nazzjonali ma tibqax tikkonforma mar-rekwiżiti minimi, il-Kummissjoni tista' tissospendi r-relazzjoni kuntrattwali tagħha mal-aġenzija nazzjonali sakemm tittieħed azzjoni ta' rimedju biex tiġi żgurata l-konformità, u fin-nuqqas ta' dan tista' titlob lill-awtorità nazzjonali tirrevoka l-mandat tal-aġenzija nazzjonali u taħtar waħda ġdida, soġġett għal valutazzjoni ex ante pożittiva.

3. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-awtoritajiet nazzjonali u lill-aġenziji nazzjonali informazzjoni u gwida xierqa biex tiżgura l-implimentazzjoni u l-ġestjoni konsistenti u ta' kwalità għolja tal-Programm. B'mod partikolari, għandha tispeċifika l-arranġamenti tal-ippjanar, tal-ġestjoni tal-proġetti u tar-rappurtar u tiżgura li dawn l-arranġamenti jsegwu proċeduri sempliċi.
4. Il-Kummissjoni ma għandhiex tagħmel il-fondi tal-Programm disponibbli għall-aġenzija nazzjonali qabel ma tkun approvat id-dokumenti tal-ippjanar tagħha f'konformità mal-Artikolu 19(2).
5. Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-fondi tal-Programm li ġejjin disponibbli għall-aġenzija nazzjonali:
  - a) kontribuzzjoni għall-appoġġ ta' għotja għall-azzjonijiet tal-Programm li l-ġestjoni tagħhom hija fdata lill-aġenzija nazzjonali;
  - b) kontribuzzjoni b'appoġġ għall-kompiti ta' ġestjoni tal-Programm tal-aġenzija nazzjonali;
  - c) jekk rilevanti, kontribuzzjoni addizzjonali għall-azzjonijiet skont l-Artikolu 7, il-punti (a) u (b).
6. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika lill-awtorità nazzjonali u lill-aġenzija nazzjonali l-eżitu tal-analiżi u l-osservazzjonijiet tagħha dwar ir-rapport u d-dikjarazzjoni ta' ġestjoni annwali kif imsemmi fl-Artikoli 18(9) u 19(6) u dwar l-opinjoni tal-awditjar, kif imsemmi fl-Artikolu 21(2).

7. Meta l-Kummissjoni ma taċċettax id-dikjarazzjoni ta' ġestjoni annwali jew l-opinjoni tal-awditjar indipendenti dwarha, jew fil-każ ta' implimentazzjoni mhux sodisfaċenti tal-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni min-naħa tal-aġenzija nazzjonali, il-Kummissjoni tista' timplimenta kwalunkwe miżura prekawzjonarja u korrettiva meħtieġa biex tissalvagwardja l-interessi finanzjarji tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 132 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.
8. Il-Kummissjoni għandha tneġġeg u żżomm djalogu attiv u kooperazzjoni mal-aġenziji nazzjonali u l-awtoritajiet nazzjonali u bejniethom, inkluż l-iskambju [...] tal-prattiki tajbin, laqgħat regolari jew mezzi oħra, bil-ħsieb li ttejjeb u tiżgura l-implimentazzjoni u l-ġestjoni konsistenti tal-Programm. Għandha tiżgura wkoll li jkun hemm fis-seħħ kundizzjonijiet xierqa għal skambju effettiv tal-informazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, l-aġenziji nazzjonali jew korpi u entitajiet oħra li jimplimentaw il-Programm, f'ġestjoni diretta jew indiretta.
9. Il-Kummissjoni għandha [...] tiżgura li s-sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni [...] meħtieġa [...] għall-implimentazzjoni[...] [...] tal-oġġettivi tal-Programm stabbiliti fl-Artikolu 3 [...] b'mod partikolari taħt ġestjoni indiretta, ikunu effiċjenti, stabbli u faċli għall-utent. Il-Programm għandu jappoġġa l-iżvilupp, it-tħaddim u l-manutenzjoni ta' tali sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni.

***Korp tal-awditjar indipendenti***

1. Il-korp tal-awditjar indipendenti għandu:
  - a) ikollu l-kompetenza professjonali meħtieġa biex iwettaq awditi tas-settur pubbliku;
  - b) jiżgura li l-awditi tiegħu jqisu l-istandards tal-awditjar aċċettati fil-livell internazzjonali;
  - c) ma jkunux f'pożizzjoni ta' kunflitt ta' interess fir-rigward tal-entità legali li l-aġenzija nazzjonali tiffirma parti minnha; b'mod partikolari, il-korp tal-awditjar indipendenti għandu jkun indipendenti, f'termini tal-funzjonijiet tiegħu, mill-entità legali li l-aġenzija nazzjonali tiffirma parti minnha.
2. Il-korp tal-awditjar indipendenti għandu jgħid opinjoni tal-awditjar dwar id-dikjarazzjoni ta' ġestjoni annwali kif imsemmi fl-Artikolu 158(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Din għandha tiffirma l-bażi tal-assigurazzjoni kumplessiva skont l-Artikolu 127 ta' dak ir-Regolament [...].
3. Il-korp tal-awditjar indipendenti għandu jagħti lill-Kummissjoni u lir-rappreżentanti tagħha u lill-Qorti tal-Awdituri aċċess sħiħ għad-dokumenti u r-rapporti kollha b'appoġġ għall-opinjoni tal-awditjar li huwa jgħid dwar id-dikjarazzjoni ta' ġestjoni annwali tal-aġenzija nazzjonali.

***Prinċipji tas-sistema ta' kontroll***

1. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-kontrolli superviżorji fir-rigward tal-azzjonijiet u tal-attivitajiet tal-Programm ġestiti mill-aġenziji nazzjonali. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi r-rekwiżiti minimi għall-kontrolli mill-aġenzija nazzjonali u mill-korp tal-awditjar indipendenti.
2. L-aġenzija nazzjonali għandha tkun responsabbli għall-kontrolli primarji tal-benefiċjarji tal-ġhotjiet għall-azzjonijiet li tiġġestixxi kif stabbilit fil-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 15. Dawn il-kontrolli għandhom jagħtu assigurazzjoni raġonevoli li l-ġhotjiet mogħtija jintużaw kif maħsub u f'konformità mar-regoli tal-Unjoni applikabbli.
3. Fir-rigward tal-fondi tal-Programm ittrasferiti lill-aġenziji nazzjonali, il-Kummissjoni għandha tiżgura koordinazzjoni kif suppost tal-kontrolli tagħha mal-awtoritajiet nazzjonali u l-aġenziji nazzjonali, abbażi tal-prinċipju ta' awditu uniku u skont analiżi bbażata fuq ir-riskju.

## [...] TITOLU IX

### DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻIZZJONALI U FINALI

#### Artikolu 22a

#### Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġġuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Il-kumitat jista' jiltaqa' f'konfigurazzjonijiet speċifiċi biex jitratta kwistjonijiet settorjali. Fejn ikun xieraq, f'konformità mar-regoli ta' proċedura tiegħu u fuq bażi ad hoc, esperti esterni, inkluż rappreżentanti tas-sħab soċjali, jistgħu jiġu mistiedna jipparteċipaw fil-laqgħat bħala osservaturi.
3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

#### *Artikolu 23*

#### *Tħassir*

Ir-Regolament (UE) [...] 2021/817 u [...] (UE) [...] 2021/888 jitħassru b'effett mill-1 ta' Jannar 2028.

***Dispożizzjonijiet tranżizzjonali***

1. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa t-tkomplija jew il-modifika tal-azzjonijiet ikkonċernati, sal-għeluq tagħhom, skont ir-Regolamenti (UE) 2021/817 u (UE) 2021/888, li għandhom ikomplu japplikaw għall-azzjonijiet ikkonċernati sal-għeluq tagħhom.
2. Il-pakkett finanzjarju għall-Programm jista' jkopri wkoll l-ispejjeż marbuta mal-assistenza teknika u amministrattiva meħtieġa biex tiġi żgurata t-tranżizzjoni bejn il-Programm u l-miżuri adottati skont ir-Regolamenti (UE) 2021/817 u (UE) 2021/888.
3. Fil-livell nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw it-tranżizzjoni mingħajr xkiel bejn l-azzjonijiet imwettqa skont ir-Regolamenti (UE) 2021/817 u (UE) 2021/888 u dawk li għandhom jiġu implimentati fl-ambitu ta' dan il-Programm.
4. Ir-referenzi għas-Servizz Volontarju Ewropew fl-atti legali tal-Unjoni għandhom jinqraw bħala referenzi għal attivitajiet ta' volontarjat skont ir-Regolament(UE) Nru 2021/888 u dan ir-Regolament.

*Artikolu 25*

***Dħul fis-seħħ u applikazzjoni***

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2028.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*

*Il-President*

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

---